Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14598/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0365(COD)**

**MI 805**
**ENV 1137**
**ENT 155**
**CODEC 1709**
**IA 181**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 586 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 586 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 586 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2022
COM(2022) 586 final

2022/0365 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u magni u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 397 final} - {SWD(2022) 358 final} - {SWD(2022) 359 final} - {SWD(2022) 360 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Għall-funzjonament korrett tas-suq uniku, il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital irid jiġi żgurat. Għal dak il-għan, ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet huma wkoll armonizzati sabiex jiġi evitat li r-rekwiżiti jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor u sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa.

It-tniġġis tal-arja għadu riskju kbir għall-ambjent u għas-saħħa fl-Ewropa. Filwaqt li l-kwalità tal-arja tjiebet, proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni urbana tal-UE għadha esposta għal konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti ogħla mil-limiti definiti mid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent[1]. Huwa stmat li t-tniġġis tal-arja kkawża aktar minn 300 000 mewta prematura fl-EU-28 fl-2018[2]. Minkejja l-fatt li setturi oħrajn għandhom rwol huma wkoll, it-trasport bit-triq għadu kontributur ewlieni għat-tniġġis tal-arja. Bħala medja, dan kien responsabbli għal 39 % tal-emissjonijiet dannużi ta' $NO_x$ fl-2018 (47 % fiż-żoni urbani[3]) u 11 % tal-emissjonijiet totali ta' $PM_{10}$ fl-2018[4].

**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew**[5] huwa strateġija ġdida għat-tkabbir bil-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prosperuża b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. L-UE għandha wkoll tippromwovi u tinvesti fit-trasformazzjoni u l-għodod diġitali meħtieġa billi dawn huma l-faċilitaturi essenzjali tal-bidliet. It-teknoloġija diġitali tista' tabilħaqq tgħin sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali, tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u titnaqqas l-impronta ambjentali tas-soċjetà, pereżempju billi ttejjeb l-użu tal-enerġija u timmonitorja l-emissjonijiet fit-trasport[6]. Sabiex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi, is-setturi kollha jeħtieġ li jittrasformaw ruħhom, inkluż it-trasport bit-triq. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar l-adozzjoni ta' proposta għal standards aktar stretti għall-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja għal vetturi b'magni ta' kombustjoni (Euro 7).

Sabiex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, f'Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet emenda tar-Regolament dwar **l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-$CO_2$** għal karozzi u vannijiet[7], sabiex tiżgura perkors ċar lejn mobilità mingħajr emissjonijiet[8]. Barra minn hekk, f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat **l-Istrateġija għal Mobilità**

---

1 Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent
u arja aktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1-44)

2 EEA, 2020. Il-kwalità tal-arja fl-Ewropa – rapport tal-2020.

3 JRC, 2019. L-Atlas Urban tal-$NO_2$

4 EEA, 2020. Viewer tad-*data* dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja (il-Protokoll ta' Gothenburg, il-Konvenzjoni LRTAP) 1990-2018

5 COM(2019) 640 final

6 COM(2021) 118 final

7 COM(2021) 556 final

8 Fl-2022, dan se jkun segwit minn proposta dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-vetturi tqal.

**Sostenibbli u Intelliġenti**[9] u f'Mejju 2021 adottat **il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero**[10]. Skont dawk l-istrateġiji, it-trasport għandu jsir iniġġes drastikament anqas, speċjalment fil-bliet, u l-Euro 7 jitqies bħala parti essenzjali mit-tranżizzjoni lejn mobilità nadifa.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, **l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa**[11] toffri għodod sabiex tiġi indirizzata l-isfida doppja tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali u sabiex tiġi appoġġata l-industrija Ewropea sabiex l-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew issir realtà. Qafas ġdid għall-emissjonijiet ta' inkwinanti se joffri ċertezza legali u vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel lis-settur tal-karozzi tal-UE. L-istandards tal-emissjonijiet tal-UE jeħtieġ li jibqgħu quddiem l-istandards li qegħdin jiġu żviluppati fi swieq ewlenin bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina, sabiex iżommu vantaġġ kompetittiv. L-aċċess għal dawn is-swieq jista' jiġi mxekkel għall-manifatturi tal-UE minħabba li jsir aktar għali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-emissjonijiet fi swieq differenti.

It-tranżizzjoni lejn flotta ta' karozzi/vannijiet mingħajr emissjonijiet se tkun mifruxa fuq mill-anqas żewġ deċennji, mhux l-anqas minħabba l-ħajja medja tal-karozzi/vannijiet ta' aktar minn 11-il sena. Sadanittant, sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika msemmija hawn fuq, il-vetturi b'magna ta' kombustjoni interna li se jkomplu jitqiegħdu fis-suq jeħtieġ li jkunu nodfa kemm jista' jkun.

Fl-istess ħin, l-industrija tal-karozzi qiegħda tiffaċċja trasformazzjonijiet sinifikanti oħrajn — nuqqasijiet sinifikanti fil-katina tal-provvista, l-impatt tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, żieda fil-kostijiet tal-enerġija u tal-materja prima.

Minkejja l-miri proposti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'100 % għall-karozzi u l-vannijiet sal-2035, il-proposta li jmiss sabiex jiġu riveduti l-istandards ta' prestazzjoni tas-$CO_2$ għall-vetturi tqal, is-sehem dejjem jikber ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi u ta' vetturi ġodda Euro 6d/VI E li jidħlu fis-suq, ma jistax jintlaħaq livell ta' tniġġis baxx fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju għall-emissjonijiet ta' inkwinanti mit-trasport bit-triq mingħajr azzjoni ulterjuri. Il-proposta hija mistennija li tindirizza tliet **problemi** identifikati għaliex l-istandards tal-emissjonijiet Euro 6/VI jikkontribwixxu b'mod insuffiċjenti għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet ta' inkwinanti mit-trasport bit-triq. Dawn il-problemi huma: (1) il-kumplessità tal-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi, (2) il-limiti ta' inkwinanti tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw; u (3) kontroll insuffiċjenti tal-emissjonijiet tal-vetturi f'kundizzjonijiet reali.

L-inizjattiva għandha żewġ **objettivi ġenerali**: (1) li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku billi jiġu stabbiliti regoli aktar adegwati, kosteffettivi u li jibqgħu validi fil-futur għall-emissjonijiet tal-vetturi; u (2) li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa fl-UE billi jkomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja mit-trasport bit-triq.

Din l-inizjattiva se tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali billi ssegwi t-tliet **objettivi speċifiċi** li ġejjin. Hija se:

(1) Tnaqqas il-kumplessità tal-istandards attwali tal-emissjonijiet Euro.

(2) Tipprovdi limiti aġġornati għall-inkwinanti tal-arja rilevanti kollha.

(3) Ittejjeb il-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali.

[9] COM(2020) 789 final
[10] COM(2021) 400 final
[11] COM(2020) 102 final u COM(2021) 350 final

It-titjib tal-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali matul il-ħajja ta' vettura huwa ta' importanza konsiderevoli għas-suq tal-vetturi użati importanti għal bosta pajjiżi tal-UE, iżda wkoll għal reġjuni oħrajn, bħall-Afrika jew il-Lvant Nofsani. Il-proposta tal-Euro 7 għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-vetturi matul parti itwal mill-ħajja ta' vettura, u b'hekk tkun ukoll ta' benefiċċju għall-utenti ta' vetturi użati. B'mod partikolari fir-rigward tal-objettiv speċifiku (3), il-kwalità tal-arja se tkompli tiġi affettwata mill-karozzi ta' qabel l-Euro 7 għal bosta snin li ġejjin. Jistgħu jiġu stabbiliti inċentivi xierqa sabiex karozzi aktar antiki jiġu mmodifikati b'mod retroattiv sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Euro 7 għall-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost, iżda wkoll għall-emissjonijiet mit-tajers u mill-brejkijiet. Barra minn hekk, sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-flotta eżistenti u sabiex titħaffef it-tranżizzjoni għat-trasport mingħajr emissjonijiet, huwa importanti li tiġi mħeġġa l-konverżjoni ta' vetturi b'magni ta' kombustjoni interna għal vetturi li jaħdmu b'batterija jew bl-elettriku permezz ta' ċellola tal-fjuwil.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprevedi qafas ġenerali dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.

L-istandards tal-emissjonijiet Euro għall-vetturi (ir-Regolamenti Nru 715/2007 u Nru 595/2009) huma parti mill-qafas ta' hawn fuq[12]. Dawn huma interkonnessi ma' bosta dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti u proposti ppjanati li jindirizzaw l-inkwinanti tal-arja tat-trasport bit-triq, kif ukoll mal-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$[13] li jnaqqsu l-inkwinanti tal-arja bħala kobenefiċċju. Din il-proposta leġiżlattiva dwar l-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 għall-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet u x-xarabanks ttejjeb il-konsistenza tal-istandards tal-emissjonijiet Euro mal-miżuri li ġejjin.

**Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (AAQD)**[14] għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tal-arja billi tistabbilixxi limiti għall-konċentrazzjonijiet tal-arja fl-ambjent ta' inkwinanti tal-arja speċifiċi mis-sorsi kollha tat-tniġġis tal-arja (eż. l-agrikoltura, l-enerġija, il-manifattura, eċċ.). **Id-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet (NECD)**[15] għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet nazzjonali ta' inkwinanti tal-arja billi tistabbilixxi impenji nazzjonali ta' tnaqqis għal inkwinanti tal-arja speċifiċi, bi tnaqqis mis-setturi kollha, inkluż it-trasport bit-triq. Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent[16]. Ir-reviżjoni proposta se tistabbilixxi standards *interim* tal-kwalità tal-arja tal-UE għall-2030, allinjati aktar mill-qrib mal-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, filwaqt li tpoġġi lill-UE fuq trajettorja sabiex tikseb tniġġis żero għall-arja sa mhux aktar tard mill-2050. Il-proposta tal-Euro 7 hija element importanti sabiex tintlaħaq din l-ambizzjoni u tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-arja nadifa, inkluża r-reviżjoni tal-AAQD. Billi tiżgura tnaqqis tal-emissjonijiet rilevanti kollha tal-inkwinanti tal-arja mit-trasport bit-triq konsistenti mal-kopertura u l-miri tal-inkwinanti tal-arja tal-AAQD/NECD, il-proposta għall-istandards tal-Euro 7 tappoġġa notevolment lill-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom skont l-AAQD u l-NECD.

---

12 Li jinstab fl-Anness II tar-Regolament 2018/858

13 Ir-Regolament (UE) 2019/631 u r-Regolament (UE) 2019/1242

14 Id-Direttiva 2008/50/KE

15 Id-Direttiva (UE) 2016/2284

16 COM(2022) 542, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja aktar nadifa għall-Ewropa

**L-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$** jappoġġaw l-ambizzjoni klimatika tal-UE stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[17], li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE b'mill-anqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-1990. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi u ssaħħaħ l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi/vannijiet[18], filwaqt li r-reviżjoni tal-istandards għall-vetturi tqal hija prevista sa tmiem l-2022. Filwaqt li l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ jippromwovu teknoloġiji b'emissjonijiet żero, bħall-vetturi elettriċi, l-istandards Euro 7 il-ġodda jindirizzaw l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja dannużi minn magni ta' kombustjoni u l-emissjonijiet mhux mill-pajp tal-egżost minn vetturi elettriċi bil-għan li jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Għalhekk, l-objettivi ġenerali tal-Euro 7 jibqgħu validi sa fejn il-vetturi b'magni ta' kombustjoni interna jkomplu jarmu inkwinanti mill-egżost, u l-vetturi kollha se jikkontribwixxu għall-emissjonijiet mhux tal-egżost. Minkejja l-mira proposta ta' tnaqqis b'100 % għall-2035 għal karozzi/vannijiet ġodda, in-numru ta' vetturi mqiegħda fis-suq b'magni ta' kombustjoni (inklużi ibridi) se jibqa' importanti, b'mod partikolari għat-trakkijiet jew għax-xarabanks. Kemm l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ kif ukoll dawk tal-inkwinanti huma kkunsidrati bħala komplementari sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew dwar il-klima u t-tniġġis żero u jikkontribwixxu għall-bidla lejn mobilità sostenibbli.

**Id-Direttivi dwar l-Affidabbiltà Stradali**[19] għandhom l-għan li jżidu s-sikurezza fit-toroq fl-UE u li jiżguraw il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, permezz ta' ttestjar regolari tal-vetturi matul il-ħajja operazzjonali tagħhom. F'dak li għandu x'jaqsam mal-emissjonijiet, l-objettiv tagħhom huwa li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja billi jindividwaw b'mod aktar effettiv vetturi b'emissjonijiet eċċessivi minħabba difetti tekniċi, permezz ta' spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq. Din il-proposta fiha elementi li jappoġġaw dan l-objettiv, inklużi dawk implimentati permezz ta' Monitoraġġ Abbord, li huma mistennija jwasslu għal iffrankar tal-kostijiet. Tali mekkaniżmi jistgħu gradwalment isiru għodda primarja fid-Direttivi dwar l-Affidabbiltà Stradali, jimmodernizzaw il-proċeduri ta' spezzjoni attwali u jwasslu għal kostijiet amministrattivi aktar baxxi. Ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttivi dwar l-Affidabbiltà Stradali se jkollha tqis dawn il-mekkaniżmi l-ġodda, inkluż għall-miżuri ta' implimentazzjoni li se jkollhom jiġu żviluppati taħt ir-reviżjoni tal-pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali[20].

Barra minn hekk, **id-Direttiva dwar il-Eurovignette**[21], li tistabbilixxi regoli komuni dwar it-tariffi għall-infrastruttura stradali, u **d-Direttiva dwar Vetturi Nodfa**[22], li tippromwovi soluzzjonijiet ta' mobbiltà nadifa permezz tal-akkwist pubbliku, huma konsistenti mal-objettivi ġenerali tal-istandards tal-Euro. B'mod partikolari, huma jappoġġaw id-domanda għal vetturi nodfa billi jippermettu lill-Istati Membri jvarjaw it-tariffi tat-triq abbażi tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-vetturi u permezz tal-akkwist pubbliku. **Id-Direttiva dwar il-**

[17] Ir-Regolament 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")

[18] COM(2021) 556 final

[19] Id-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom; Id-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni

[20] Is-sikurezza tal-vetturi – reviżjoni tal-pakkett tal-UE dwar l-affidabbiltà stradali (europa.eu)

[21] Id-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq

[22] Id-Direttiva 2019/1161/UE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija

**Kwalità tal-Fjuwil**[23] tippreskrivi l-karatteristiċi tal-kwalità tal-fjuwil mibjugħ fis-suq u, għalhekk, hija importanti għall-istandards tal-Euro.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Bħala parti mill-istrateġija diġitali tal-UE u wara l-Komunikazzjoni dwar **strateġija Ewropea tad-*data*[24]**, il-Kummissjoni ressqet Att dwar id-*Data* sabiex tappoġġa l-kondiviżjoni tad-*data* min-negozji għall-gvern u bejn in-negozji. Dan l-att joffri qafas orizzontali għat-tisħiħ tal-aċċess għad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data* fis-setturi kollha. Problemi speċifiċi fis-settur tal-karozzi fil-kuntest tal-aċċess għad-*data* fil-vettura jiġġustifikaw li l-Att dwar id-*Data* jiġi kkomplementat b'inizjattiva speċifika. Din l-inizjattiva għandha tiżgura li jkun disponibbli sett minimu ta' *data* u funzjonijiet, kif ukoll kundizzjonijiet ta' aċċess ġusti għall-fornituri kollha tas-servizzi fis-settur tal-karozzi. Billi tiżgura d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-*data* fil-vettura, din l-inizjattiva tkun komplementari għal din il-proposta tal-Euro 7 billi tiffaċilita l-adozzjoni ottimali tal-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet.

**L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa**[25] tqis iċ-ċirkostanzi l-ġodda li jirriżultaw mill-kriżi, kif ukoll it-trasformazzjoni kontinwa għal ekonomija aktar sostenibbli, diġitali, reżiljenti u globalment kompetittiva. Hija tpoġġi prijoritajiet u tiddefinixxi objettivi ġodda dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-Suq Uniku, it-trattament ta' dipendenzi strateġiċi, l-ikkombinar ta' azzjonijiet immirati fl-oqsma tal-qafas regolatorju, l-appoġġ għall-innovazzjoni, l-aċċess għall-materja prima u l-enerġija dekarbonizzata, il-ħiliet u l-ispazji tad-*data*, sabiex titħaffef it-tranżizzjoni doppja. Din l-Istrateġija toffri għodod sabiex tiġi indirizzata l-isfida doppja tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali u sabiex tiġi appoġġata l-industrija Ewropea sabiex l-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew issir realtà. Qafas ġdid għall-emissjonijiet ta' inkwinanti se joffri ċertezza legali u vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel lis-settur tal-karozzi tal-UE, sabiex b'hekk jiġi evitat ir-riskju li dan jaqa' lura f'ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħrajn li jistabbilixxu standards ġodda dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti.

**Id-Direttiva dwar il-vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELV)[26]** fiha regoli dwar il-ġbir, it-trattament u l-irkupru ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-komponenti tagħhom, kif ukoll restrizzjonijiet fuq sustanzi perikolużi f'vetturi ġodda. Id-direttiva mera tagħha, **id-Direttiva dwar l-approvazzjoni tat-tip 3R[27]**, torbot id-disinn ta' vetturi ġodda mal-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà u l-irkupru tagħhom. Dawn id-Direttivi huma ppjanati li jiġu rieżaminati fl-2023 f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u **l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[28]**. Filwaqt li l-proposta tal-Euro 7 għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-vetturi matul parti itwal mill-ħajja ta' vettura billi testendi r-rekwiżiti tad-durabbiltà, ir-reviżjoni tad-Direttiva ELV tikkomplementaha billi tħares lejn il-problema tal-esportazzjoni ta' vetturi użati difettużi li jniġġsu barra mill-UE.

Din l-inizjattiva hija konsistenti wkoll ma' **Next Generation EU[29]**, b'mod aktar partikolari **l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[30]** (RRF) u l-inizjattiva ewlenija "Irriċarġjar u Riforniment", li tippromwovi teknoloġiji nodfa li jibqgħu validi fil-futur sabiex jitħaffu l-użu ta' trasport sostenibbli, aċċessibbli u intelliġenti, stazzjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment u

[23] Id-Direttiva 2009/30/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra
[24] COM(2020) 66 final
[25] COM(2020) 102 final u COM(2021) 350 final
[26] Id-Direttiva 2000/53/KE dwar il-vetturi li ma għadhomx jintużaw
[27] Id-Direttiva 2005/64/KE dwar l-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà u l-irkupru tal-vetturi
[28] COM(2020) 98 final
[29] COM(2020) 456 final
[30] Ir-Regolament (UE) 2021/241

l-estensjoni tat-trasport pubbliku. Permezz ta' dan il-finanzjament tal-RRF, iżda wkoll permezz ta' programmi ta' investiment immirati taħt **InvestEU**[31] jew **Orizzont Ewropa**[32], ir-riżorsi se jiġu allokati sabiex jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija, kif ukoll sabiex titħaffef it-trasformazzjoni ekoloġika, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi li jibqgħu validi fil-futur.

Din l-inizjattiva tintegra wkoll il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta u ekwa, li tappoġġa b'mod partikolari liċ-ċittadini vulnerabbli fil-qasam tat-trasport: hija konsistenti mar-**Rapport Finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** (il-proposta 18.3) speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-affordabbiltà tal-mezzi tat-trasport u tal-vetturi li joperaw fuq teknoloġiji li ma jniġġsux.

Barra minn hekk, l-inizjattiva hija koerenti mal-proposta reċenti li temenda l-Liġi Ewropea dwar il-Konsumatur, b'mod aktar partikolari **d-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali**[33] u **d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur**[34], sabiex tikkontribwixxi għal ekonomija tal-UE ċirkolari, nadifa u ekoloġika billi tippermetti lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri u, għalhekk, tikkontribwixxi għal konsum aktar sostenibbli.

Fl-aħħar nett, sabiex tissaħħaħ il-konsistenza fil-politiki kollha, u kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha **Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien sabiex nagħmlu liġijiet aħjar**[35], il-Kummissjoni qiegħda ttejjeb il-linji gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar sabiex tiżgura li l-inizjattivi kollha tagħha jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u, b'hekk, tosserva l-obbligi stabbiliti skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-funzjonament tas-suq uniku għall-merkanzija. Din il-proposta għandha l-għan li tagħmel l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni aktar effettivi bħala parti mill-objettiv ta' politika ġenerali sabiex tiġi approfondita l-istrateġija tas-suq uniku.

It-tieni raġuni hija n-natura tranżnazzjonali tat-tniġġis tal-arja u tat-trasport bit-triq. Anke jekk l-effetti tal-inkwinanti tal-arja tossiċi ewlenin huma l-aktar severi qrib is-sors, l-effetti fuq il-kwalità tal-arja ma humiex limitati għal-livell lokali u t-tniġġis transfruntiera huwa problema ambjentali serja li spiss tippreżenta sfida għas-soluzzjonijiet nazzjonali. L-immudellar atmosferiku juri li t-tniġġis emess fi Stat Membru wieħed jikkontribwixxi għat-tniġġis fi Stati Membri oħrajn. Sabiex tissolva l-problema tat-tniġġis tal-arja, hija meħtieġa azzjoni miftiehma fuq l-iskala tal-UE.

31 Ir-Regolament (UE) 2021/523
32 Ir-Regolament (UE) 2021/695
33 Id-Direttiva 2005/29/KE
34 Id-Direttiva 2011/83/UE
35 COM(2021) 219 final

L-iżvilupp ta' standards tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE u t-twaqqif ta' governanza xierqa għal dan huma essenzjali sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali differenti li potenzjalment ma jkunu la kongruwenti u lanqas konsistenti (pereżempju, għal miżuri li jillimitaw l-aċċess għal ċerti żoni). Tali miżuri joħolqu ostakli konsiderevoli għall-industrija u joħolqu riskju kbir għas-suq uniku. B'hekk, azzjoni armonizzata kontinwa tal-UE sabiex ikomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi hija ġġustifikata bis-sħiħ.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata minħabba li tipprevedi l-bidla legali meħtieġa u fl-istess ħin ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti minn vetturi bil-mutur, minn naħa, u l-iżgurar taċ-ċertezza legali għall-manifatturi tal-vetturi, min-naħa l-oħra. Hija tipprevedi l-kundizzjonijiet legali meħtieġa sabiex jinżammu, sa fejn possibbli, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-manifatturi.

- **Għażla tal-istrument**

L-użu ta' Regolament huwa meqjus bħala xieraq minħabba li jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa għal applikazzjoni u infurzar diretti u armonizzati, filwaqt li ma jirrikjedix traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni ddeċidiet li ssegwi approċċ back-to-back li fih l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt twettqu b'mod parallel bħala proċess uniku sabiex jintlaħaq il-pjan direzzjonali stabbilit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew[36]. B'dak il-mod, is-sejbiet tal-evalwazzjoni inklużi fl-Anness 5 tal-Valutazzjoni tal-Impatt intużaw sabiex jinformaw riflessjoni ulterjuri dwar jekk l-istandards tal-emissjonijiet Euro 6/VI għadhomx jipprovdu protezzjoni ambjentali ta' livell għoli fl-UE u jiżguraw il-funzjoni xierqa tas-suq uniku għall-vetturi bil-mutur.

L-evalwazzjoni vvalutat il-kisbiet tar-regolamenti meta mqabbla mal-objettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Euro 6/VI. Hija kkonkludiet li l-objettivi tal-Euro 6/VI sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja billi jitnaqqsu l-inkwinanti mit-trasport bit-triq u sabiex jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar il-kostruzzjoni ta' vetturi bil-mutur għadhom rilevanti ħafna. Barra minn hekk, ir-regolamenti nstabu li huma ġeneralment koerenti u li wasslu sabiex vetturi parzjalment aktar nodfa fit-toroq tal-UE bil-proċeduri ta' ttestjar Euro 6/VI ikunu parzjalment effettivi. Jeżistu kostijiet regolatorji, filwaqt li b'mod ġenerali r-regolamenti Euro 6/VI jinstabu li huma kosteffettivi. Huma ġġeneraw ukoll valur miżjud tal-UE sinifikanti li ma setax jinkiseb bl-istess mod permezz ta' miżuri nazzjonali.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni kienu dawn li ġejjin:

- Ir-Regolamenti wasslu għal vetturi parzjalment aktar nodfa fit-toroq tal-UE.
- Minn meta ġew applikati l-limiti tal-emissjonijiet Euro VI fl-2013 u l-limiti tal-emissjonijiet Euro 6 fl-2014 sal-2020, l-emissjonijiet ta' $NO_x$ fit-toroq tal-UE naqsu bi 22 % għall-karozzi u l-vannijiet u b'36 % għat-trakkijiet u x-xarabanks. L-

[36] COM(2019) 640 final

emissjonijiet ta' materja partikolata tal-egżost fit-toroq tal-UE jafu tnaqqis ta' 28 % mill-karozzi u l-vannijiet, u tnaqqis ta' 14 % mit-trakkijiet u x-xarabanks.

- Ir-Regolamenti naqqsu kemxejn l-impatti negattivi fuq is-saħħa mit-trasport bit-triq li jistgħu jikkawżaw mard respiratorju u kardjovaskulari mat-teħid bin-nifs.
- Il-kostijiet regolatorji għall-industrija tal-karozzi huma stmati għal EUR 357-EUR 929 għal kull vettura diżil u għal EUR 80-EUR 181 għal kull vettura petrol għall-karozzi u l-vannijiet, u sa EUR 3 717-EUR 4 326 għal kull vettura tqila. Filwaqt li dawn tal-aħħar huma konformi mal-aspettattivi, għall-karozzi u l-vannijiet, il-kostijiet huma ogħla minn dawk antiċipati oriġinarjament.
- L-impatti fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni jidhru ġeneralment pożittivi mingħajr sinjali ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- Żviluppi ta' politika reċenti bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew jappoġġaw l-objettivi tal-Euro 6/VI u r-rilevanza ta' titjib ulterjuri tal-kwalità tal-arja billi jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq f'approċċ unifikat tal-UE.
- Ir-Regolamenti ġġeneraw benefiċċji ekonomiċi netti għas-soċjetà.
- Filwaqt li r-Regolamenti huma ġeneralment koerenti, ġew identifikati xi kwistjonijiet ta' koerenza kemm fl-istandards tal-emissjonijiet Euro 6/VI, kif ukoll ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE.
- Ma saret l-ebda simplifikazzjoni fir-Regolamenti.
- L-armonizzazzjoni tas-suq hija l-aktar aspett kruċjali tal-valur miżjud tal-UE u ma huwiex probabbli li azzjoni mhux ikkoordinata kienet tkun daqstant effiċjenti. Ir-Regolamenti jiżguraw rekwiżiti komuni, u b'hekk jimminimizzaw il-kostijiet għall-manifatturi u jipprovdu ċertezza regolatorja.
- Madankollu, xi nuqqasijiet qegħdin jipprevjenu lir-Regolamenti milli jkomplu jtejbu l-kwalità tal-arja permezz tat-tnaqqis tal-inkwinanti emessi mis-settur tat-trasport bit-triq. B'hekk, ċerti elementi tad-disinn (modalitajiet) tar-Regolamenti x'aktarx li kellhom impatt fuq l-effiċjenza tar-Regolamenti. B'mod partikolari:
  - L-evalwazzjoni turi li matul il-passi suċċessivi tal-istandards Euro 6/VI, il-kwistjonijiet ta' kumplessità u konsistenza saru preżenti ħafna kemm fil-qafas legali ġenerali kif ukoll fl-implimentazzjoni prattika tiegħu.
  - L-evalwazzjoni tenfasizza li ħafna benefiċċji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent għadhom injorati fir-Regolamenti attwali. Minkejja l-progress li sar sabiex jitnaqqas id-distakk bejn l-emissjonijiet tal-vetturi f'kundizzjonijiet reali (iċ-ċikli tas-sewqan u l-kundizzjonijiet tal-użu, speċjalment f'kundizzjonijiet tas-sewqan urban) u l-emissjonijiet approvati skont it-tip, l-emissjonijiet importanti għadhom ma ġewx ikkunsidrati taħt l-ittestjar tal-emissjonijiet Euro 6/VI. Barra minn hekk, l-emissjonijiet ma humiex ikkontrollati sew matul il-ħajja kollha tal-vetturi.
- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Sabiex tiġbor l-evidenza u tiżgura trasparenza kbira, il-Kummissjoni fittxet feedback mill-partijiet ikkonċernati permezz ta' bosta attivitajiet ta' konsultazzjoni. B'mod aktar preċiż, għall-fini ta' din il-proposta, il-Kummissjoni fittxet feedback mill-gruppi ta' partijiet ikkonċernati li ġejjin: L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija tal-karozzi (inklużi l-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri tal-komponenti u partijiet ikkonċernati oħrajn tal-

industrija), is-soċjetà ċivili (inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-NGOs ambjentali) u ċ-ċittadini.

Sommarju dettaljat tal-proċess ta' konsultazzjoni estensiv huwa ppreżentat fir-rapport fil-qosor fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt għal din il-proposta.

Il-Kummissjoni ġabret feedback permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

- L-inizjattiva ġiet diskussa għall-ewwel darba mal-partijiet ikkonċernati matul konferenza tal-partijiet ikkonċernati f'Ottubru 2018. Sussegwentement, il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istandards tal-Emissjonijiet tal-Vetturi (AGVES) twaqqaf permezz tal-fużjoni tal-gruppi ta' esperti rilevanti mill-industrija, mis-soċjetà ċivili u mill-Istati Membri, b'għaxar laqgħat u workshop *ad hoc* wieħed dwar is-simplifikazzjoni minn Lulju 2019 sa April 2021.
- Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu tnediet fis-27 ta' Marzu sat-3 ta' Ġunju 2020. Il-Konsultazzjoni Pubblika ta' 18-il ġimgħa dwar il-proposta segwiet fis-6 ta' Lulju 2020 u kienet miftuħa għall-kontribuzzjonijiet sad-9 ta' Novembru 2020.
- Saru żewġ konsultazzjonijiet immirati ta' 14-il ġimgħa – waħda għall-Evalwazzjoni tal-Euro 6/VI (mill-4 ta' Marzu sat-8 ta' Ġunju 2020) u waħda għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Euro 7 (mit-3 ta' Awwissu sad-9 ta' Novembru 2020) – li ffokaw aktar fuq l-aspetti dettaljati u tekniċi tal-inizjattiva.

L-informazzjoni, il-fehmiet u d-*data* permezz tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni kollha tqiesu għall-evalwazzjoni tal-Euro 6/VI u għat-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Euro 7. L-evidenza tal-partijiet ikkonċernati miġbura għamlitha possibbli li l-evidenza miġbura tiġi ssupplimentata, kontroverifikata u kkonfermata permezz ta' riċerka oħra fil-Valutazzjoni tal-Impatt u fl-istudji ta' sostenn.

L-eżiti ewlenin tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

Il-partijiet ikkonċernati mill-gruppi kollha qablu li hemm kwistjonijiet kontinwi ta' tniġġis tal-arja u tas-saħħa assoċjati mat-trasport bit-triq u li hemm bżonn ta' azzjoni. Filwaqt li l-maġġoranza tar-rispondenti mill-fornituri tal-komponenti, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini qiesu li l-istandards tal-Euro l-ġodda huma xierqa sabiex ikomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi kienu anqas konvinti. F'diversi attivitajiet, l-industrija tal-karozzi enfasizzat li l-preservazzjoni tal-Euro 6/VI tkun għażla realistika u bilanċjata.

Il-maġġoranza mill-gruppi kollha qablu li l-Euro 6/VI huwa kumpless. It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika juru li l-kumplessitajiet iwasslu għal kostijiet ta' konformità sinifikanti u piż amministrattiv. Barra minn hekk, il-gruppi kollha minbarra l-industrija indikaw li l-kumplessità xxekkel il-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li s-soċjetà ċivili żiedet li din twassal għal interpretazzjonijiet ħżiena. Ir-rispondenti mill-gruppi kollha implikaw li hemm bżonn li tiġi indirizzata l-kumplessità fir-Regolamenti permezz ta' miżuri varji.

Minbarra l-manifatturi tal-vetturi, il-maġġoranza tal-gruppi kollha, inklużi l-fornituri tal-komponenti, urew appoġġ għall-iżvilupp ta' limiti aktar stretti għal inkwinanti regolati u limiti ġodda għal inkwinanti mhux regolati. Il-fornituri tal-komponenti, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini jemmnu li t-teknoloġija attwali għall-kontroll tat-tniġġis tħalli lok għal tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet.

Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jemmnu li, fl-Euro 6/VI, l-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali ma humiex immonitorjati jew limitati b'mod adegwat matul il-ħajja kollha tal-vetturi. It-tbagħbis, it-tqaddim tal-vetturi, l-ispezzjonijiet tekniċi inadegwati u l-kost tal-manutenzjoni ġew indikati bħala kawżi potenzjali. Il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati wrew appoġġ għall-implimentazzjoni ta' monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet bħala azzjoni sabiex jitkejlu l-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-manifatturi żiedu li dan jista' jintuża biss għal numru limitat ta' inkwinanti fil-futur qarib.

Il-feedback u d-differenzi fil-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ġew analizzati bir-reqqa u tqiesu fil-Valutazzjoni tal-Impatt jekk ikunu kredibbli. B'mod partikolari, il-fehmiet mill-industrija u mill-Istati Membri kienu ta' għajnuna sabiex jiġu analizzati l-problema tal-kumplessità u l-miżuri potenzjali ta' simplifikazzjoni. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-industrija dwar il-kostijiet tal-hardware għat-teknoloġiji tal-kontroll tat-tniġġis kienet sors importanti għall-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi. Il-feedback u t-tħassib li tqajjem mill-Istati Membri, mill-industrija, mis-soċjetà ċivili u miċ-ċittadini tqiesu fit-tfassil u l-valutazzjoni tal-għażliet, b'mod partikolari fir-rigward tal-potenzjal teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tal-limiti tal-emissjonijiet, id-durabbiltà, il-kundizzjonijiet tal-ittestjar u l-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet, il-bidla aċċellerata potenzjali għal vetturi elettriċi u l-impatti fuq il-kompetittività, fejn il-partijiet ikkonċernati tal-industrija jidhru li għandhom fehmiet differenti.

Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-introduzzjoni ta' standard uniku tal-emissjonijiet tal-Euro għall-karozzi/vannijiet u għat-trakkijiet/għax-xarabanks kienu differenti mill-fehmiet tal-Kummissjoni. Inizjalment, il-partijiet ikkonċernati mill-industrija ma appoġġawx din il-miżura ta' simplifikazzjoni. Billi l-argumenti tal-industrija, bħad-differenzjazzjoni xierqa kif ukoll l-armonizzazzjoni internazzjonali, għandhom ikunu jistgħu jinkisbu wkoll bl-atti bażiċi (715/2007 u 595/2009) amalgamati, filwaqt li r-regolamenti ta' implimentazzjoni speċifiċi jinżammu separati, il-Kummissjoni kompliet dan l-approċċ. Dan ġie kkonfermat mal-partijiet ikkonċernati fl-intervisti ta' segwitu marbuta mal-konsultazzjoni mmirata dwar il-valutazzjoni tal-impatt u fil-laqgħa tal-AGVES tas-16 ta' Novembru 2020.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tibbaża fuq l-evidenza minn diversi sorsi, inklużi studji minn kuntratturi esterni mill-konsorzju CLOVE, inklużi esperti ewlenin mil-Laboratorju tat-Termodinamika Applikata tal-Università ta' Aristotli ta' Tessaloniki (LAT) (GR), Ricardo (UK), EMISIA (GR), TNO (NL), TU Graz (AT), FEV (DE) u VTT (FI).

L-ewwel studju minn CLOVE tnieda sabiex jiġu rieżaminati, imqabbla u jittieħdu tagħlimiet mil-leġiżlazzjoni f'parti oħra tad-dinja, tiġi evalwata l-effettività tat-testijiet attwali tal-emissjonijiet tal-UE u jiġu żviluppati u vvalutati testijiet ġodda tal-emissjonijiet għal inkwinanti regolati u mhux regolati. Bħala segwitu, it-tieni studju kopra rieżami bir-reqqa tal-kosteffettività tal-miżuri li ġew introdotti mill-ewwel studju flimkien ma' valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' limiti ġodda tal-emissjonijiet ta' inkwinanti għall-vetturi kollha u analiżi tal-potenzjal ta' simplifikazzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi. Dan l-istudju appoġġa wkoll l-evalwazzjoni tal-qafas tal-Euro 6/VI, filwaqt li pprovda l-evidenza meħtieġa għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Dawn l-istudji kienu sostnuti minn analiżi u testijiet imwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, fil-faċilitajiet tiegħu li jinsabu f'Ispra, l-Italja.

Għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, l-istudju u r-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt iddependew fuq il-mudell ta' SIBYL u COPERT. COPERT jintuża għall-kalkolu tal-inventarji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta'

inkwinanti tal-arja għat-trasport bit-triq abbażi tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali kkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u mill-JRC. SIBYL hija għodda speċjalizzata għall-projezzjoni tal-impatt tat-teknoloġija dettaljata tal-vetturi fuq flotot futuri, l-enerġija, l-emissjonijiet u l-kostijiet maħsuba sabiex jappoġġaw it-tfassil tal-politika. Iż-żewġ mudelli ġew aġġornati abbażi tad-*data* u l-evidenza miġbura permezz tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-aħħar fatturi tal-emissjonijiet u r-rieżamijiet tal-letteratura.

Barra minn hekk, inġabret aktar informazzjoni li tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-teknoloġiji disponibbli li jistgħu jiġu skjerati fil-perjodu ta' żmien rilevanti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' inkwinanti, kif ukoll l-effettività u l-kost tagħhom;
- l-impatti fuq is-saħħa u l-ambjent f'termini monetarji;
- l-indikaturi makroekonomiċi ġenerali, bħall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, il-ħiliet meħtieġa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, eċċ.;
- il-kompetittività tal-industrija tal-UE u l-koeżjoni tas-suq intern;
- l-impatti kwalitattivi fuq l-SMEs u l-konsumaturi (inkluża l-fiduċja tal-konsumatur).

Lista tal-istudji u tas-sorsi hija pprovduta fl-Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri f'din il-proposta huma bbilanċjati fir-rigward tal-benefiċċji tagħhom għas-saħħa u l-ambjent u l-piż għall-industrija. L-effettività u l-kostefiċjenza tal-miżuri huma appoġġati mill-Valutazzjoni tal-Impatt ta' akkumpanjament. L-iskeda tas-sommarju u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' X (għandha tiżdied link).

Ġew ivvalutati tliet għażliet ta' politika, b'taħlita differenti ta' miżuri u livelli ta' ambizzjoni, sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati fir-Regolamenti attwali tal-Euro 6/VI, li jqisu t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali meħtieġa mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. It-trasformazzjoni tipprovdi opportunitajiet għal soluzzjonijiet aktar avvanzati f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, bħall-użu ta' teknoloġija b'livell baxx ta' tniġġis u monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet b'sensuri avvanzati u konnettività tal-vetturi. L-għażliet ta' politika qiesu wkoll il-bidla għal sistemi tal-motopropulsjoni elettrifikati li jeħtieġu soluzzjonijiet kostefiċjenti u adegwati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti fis-segment tal-magni tal-kombustjoni.

F'konformità mal-objettivi speċifiċi, l-għażliet ta' politika 1, 2 (2a u 2b) u 3a kellhom l-għan li jnaqqsu l-kumplessità tal-istandards attwali tal-emissjonijiet tal-Euro billi jintroduċu miżuri ta' simplifikazzjoni (bħas-sostituzzjoni ta' żewġ regolamenti b'regolament wieħed, jew l-eliminazzjoni ta' testijiet skaduti). Ġew ipprovduti limiti tal-emissjonijiet aġġornati għall-inkwinanti tal-arja rilevanti kollha fl-għażla ta' politika 1 b'ambizzjoni baxxa, fl-għażliet 2a u 3a b'ambizzjoni medja u fl-għażla 2b b'ambizzjoni għolja. Il-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali ttejjeb fl-għażla ta' politika 1 b'limiti tal-ittestjar ambizzjużi baxxi b'sewqan reali, fl-għażla 2a b'limiti tal-ittestjar ambizzjużi medji b'sewqan reali u rekwiżiti tad-durabbiltà, fl-għażla 2b b'limiti tal-ittestjar ambizzjużi għoljin b'sewqan reali u rekwiżiti tad-durabbiltà u fl-għażla 3a b'limiti tal-ittestjar ambizzjużi medji b'sewqan reali, rekwiżiti tad-durabbiltà u monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt sabet li l-għażla ta' politika 3a ambizzjuża medja hija l-aktar proporzjonata għall-vetturi ħfief u tqal. L-għażla ta' politika nstabet li kienet l-aktar effettiva sabiex jintlaħqu l-objettivi identifikati, filwaqt li kienet ukoll kostefiċjenti billi ġġib l-ogħla

benefiċċji għas-saħħa u l-ambjent għaċ-ċittadini b'kostijiet regolatorji baxxi għall-industrija. Barra minn hekk, l-għażla nstabet li hija koerenti mal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, mad-direttiva dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u mad-direttiva dwar l-affidabbiltà stradali. Permezz tal-introduzzjoni ta' monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet, l-għażla 3a tkun ukoll l-aktar konformi mat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali doppja fil-mira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-għażla 3a jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

Il-kostijiet regolatorji totali huma stmati għal EUR 304 għal kull vettura għal vetturi ħfief u għal EUR 2 681 għal kull vettura għal vetturi tqal. Matul il-perjodu ta' 25 sena vvalutat fil-Valutazzjoni tal-Impatt, dan iwassal għal kost regolatorju totali ta' EUR 35,48 biljun għal vetturi ħfief u EUR 17,53 biljun għal vetturi tqal.

Min-naħa l-oħra, il-benefiċċji monetarji għas-saħħa u l-ambjent jammontaw għal EUR 55,75 biljun u EUR 133,58 biljun, rispettivament, permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja dannużi. Dawn il-benefiċċji jinkisbu l-aktar permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ u $PM_{2.5}$. Barra minn hekk, din l-għażla wriet għall-vetturi kollha l-ogħla impatti pożittivi f'termini tal-aċċess għal swieq internazzjonali ewlenin u l-innovazzjoni.

Il-kostijiet ta' aġġustament (li jkopru l-kostijiet sostantivi tal-konformità minħabba l-kostijiet tat-tagħmir għat-teknoloġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet u l-kostijiet relatati tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-kalibrazzjoni, inklużi l-kostijiet tal-faċilitajiet u tal-għodod) ġew ivvalutati fl-għażla 3a għal madwar EUR 67 biljun bejn l-2025 u l-2050 għal vetturi ħfief u EUR 26 biljun għal vetturi tqal.

Minbarra dawn il-benefiċċji, l-iffrankar tal-kostijiet regolatorji (li jkopri l-iffrankar tal-kostijiet waqt l-ittestjar, l-għoti ta' xhieda tat-testijiet mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u t-tariffi tal-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi għar-rapportar u obbligu ieħor ta' informazzjoni bħala parti mill-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip) huwa stmat għal EUR 4,67 biljun għal vetturi ħfief u għal EUR 0,58 biljun għal vetturi tqal fl-għażla ppreferuta.

B'mod ġenerali, l-impatt tal-għażla 3a fuq l-affordabbiltà tal-konsumatur ikun limitat. Filwaqt li l-kostijiet regolatorji totali meta mqabbla mal-linja bażi huma mistennija li jiġu mgħoddija lill-konsumaturi, dan iwassal għal żieda ta' 0,8 % fil-prezz tal-vetturi petrol żgħar u żieda ta' 2,2 % fil-prezz tal-vetturi diżil żgħar għall-karozzi u l-vannijiet.

Żdiedu r-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batterija wara l-adozzjoni ta' Regolament Tekniku Globali ġdid tan-NU Nru 22 fl-14 ta' April 2022 dwar id-Durabbiltà tal-Batterija fil-Vettura għall-Vetturi Elettrifikati, li jistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni għall-vetturi elettriċi f'livell li ma jkunx jeħtieġ bidla fit-teknoloġiji tal-batteriji. Huwa mistenni li dawn ir-rekwiżiti ma joħolqux kostijiet addizzjonali, iżda jżidu s-sensibilizzazzjoni u l-fiduċja tal-konsumaturi.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, sar rieżami finali sabiex jiġu żgurati kunsiderazzjonijiet aġġornati għall-industrija tal-karozzi u għall-konsumaturi. Iż-żieda fil-kostijiet li bdiet fl-2021, b'mod partikolari għall-enerġija u għall-materja prima, aċċellerat b'mod drammatiku. Fl-istess ħin, id-domanda u l-bejgħ tal-vetturi bil-mutur naqsu, filwaqt li l-ħtiġijiet ta' investiment għat-trasformazzjoni ekoloġika qegħdin jiżdiedu. Dan ipoġġi pressjoni fuq il-katina tal-provvista tal-karozzi u jqajjem kwistjonijiet ta' affordabbiltà għall-konsumaturi, f'kuntest ġenerali ta' inflazzjoni għolja. Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni

ekoloġika b'suċċess tal-ekosistema tal-karozzi, l-għażla 3a msemmija hawn fuq ġiet aġġustata mill-ġdid għal vetturi ħfief sabiex jitnaqqsu l-kostijiet ta' aġġustament, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni ambjentali u diġitali medja ġenerali.

Għall-karozzi u l-vannijiet, il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost huma stabbiliti fl-aktar livell baxx attwalment impost taħt l-Euro 6 għall-karozzi, li għalhekk jimponu limiti aktar baxxi għall-vannijiet milli taħt l-Euro 6, filwaqt li r-rekwiżiti tad-durabbiltà kif ukoll il-limiti tal-ittestjar tas-sewqan reali huma stabbiliti bħal fl-għażla 3a. Ir-rekwiżiti għall-emissjonijiet evaporattivi, id-durabbiltà tal-batterija u l-emissjonijiet mhux tal-egżost huma stabbiliti bħal fl-għażla 3a. Din hija għażla intermedja f'termini tal-limiti tal-emissjonijiet mit-tailpipe bejn l-għażla 1 u l-għażla 2a/3a. Din l-għażla saret sabiex il-ħtieġa li tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tiġi bbilanċjata mal-ħtieġa li jiġu evitati investimenti sproporzjonati għall-vetturi li mhux se jibqgħu jinbiegħu wara l-2035. Lil hinn minn ċertu limitu, il-kostijiet jiżdiedu ferm aktar malajr mill-benefiċċji ambjentali. L-għażla magħżula ttejjeb l-affordabbiltà tal-karozzi u tal-vannijiet għall-konsumaturi u timminimizza l-kostijiet ta' investiment meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' hardware ġodda għas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-karozzi u l-vannijiet b'magna ta' kombustjoni interna.

Il-miżuri magħżula jistabbilixxu limiti newtrali għat-teknoloġija u għall-fjuwil għall-karozzi u l-vannijiet, filwaqt li jippermettu limiti kemxejn ogħla għall-vannijiet b'potenza insuffiċjenti, fejn tali kwota tkun iġġustifikata abbażi ta' raġunijiet tekniċi. Il-limiti tal-ittestjar huma bħal fl-għażla 3a, u għalhekk jippermettu li jsiru kisbiet billi jiġu limitati l-emissjonijiet li bħalissa ma humiex ikkontrollati. Il-metodoloġiji u l-limiti għall-emissjonijiet evaporattivi, il-brejkijiet, it-tajers, kif ukoll id-durabbiltà tal-batterija u l-użu ta' għodod għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet b'sensuri huma korrispondenti għal dawk ippreżentati fl-għażla 3a tar-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu sehem dejjem aktar importanti tal-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet u tal-benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent, b'mod partikolari f'ambjenti urbani fejn l-esponiment għal dawk l-inkwinanti huwa aktar prominenti. L-emissjonijiet mill-brejkijiet u mit-tajers dalwaqt se jkunu jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-emissjonijiet ta' partikoli.

Għat-trakkijiet u x-xarabanks, tinżamm l-għażla 3a. Dan jirrifletti t-tranżizzjoni ferm aktar bil-mod tat-trakkijiet u tax-xarabanks għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero tal-egżost. It-trakkijiet u x-xarabanks b'magni ta' kombustjoni interna huma mistennija li jdumu ħafna aktar fis-suq tal-UE.

Għall-vetturi bil-mutur kollha, il-miżuri ta' simplifikazzjoni kollha jinżammu bħal fl-għażla 3a minħabba li jirriflettu l-ħtieġa li r-regolament jiġi mmodernizzat u li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Din l-għażla tiżgura wkoll titjib fl-emissjonijiet totali, b'mod partikolari waqt l-istartjar kiesaħ u fis-sewqan urban, minħabba li l-vetturi jeħtieġ ukoll li jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet waqt vjaġġi qosra.

F'termini ta' benefiċċji ambjentali, l-għażla magħżula ġġib tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet, ftit biss anqas mill-għażla 3a għall-karozzi u l-vannijiet, minħabba li l-limiti ogħla tal-emissjonijiet huma akkumpanjati minn titjib fil-kundizzjonijiet tal-ittestjar u miżuri ta' konformità li ma kinux previsti fl-għażla 1. Bil-miżuri magħżula ġie stmat tnaqqis tal-$NO_x$ mill-karozzi/vannijiet ta' aktar minn 85 %, meta mqabbel mal-livelli tal-2018, u ta' aktar minn 80 % mit-trakkijiet/mix-xarabanks sal-2035. L-$NO_x$ totali mill-vetturi bil-mutur huwa stmat li se jonqos bin-nofs sal-2035 meta mqabbel mal-linja bażi.

L-iffrankar tal-kostijiet regolatorji huwa mistenni li jkun l-istess bħal fl-għażla 3a. Il-kostijiet tal-iżvilupp tal-prodotti għall-industrija jitnaqqsu b'mod sinifikanti minħabba li l-għażla l-ġdida mhux se tkun teħtieġ id-disinn mill-ġdid tal-vetturi, iżda tista' tinkiseb konformità mat-teknoloġiji użati bħalissa għall-kontrolli tal-emissjonijiet u għall-kalibrazzjoni mill-ġdid. Il-kostijiet regolatorji huma mistennija li jitnaqqsu b'mod sinifikanti u jkunu bejn dawk għall-għażla 1 u għall-għażla 3a. B'kollox, il-miżuri magħżula huma mistennija li jġibu benefiċċju nett simili jew ogħla milli għall-għażla 3a, sabiex b'hekk iġibu ffrankar sinifikanti tal-emissjonijiet b'kostijiet limitati ta' aġġustament.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inkluživ, abbażi tat-trasparenza u l-impenn kontinwu mal-partijiet ikkonċernati.

SMEs (IA ta' referenza): Il-Valutazzjoni tal-Impatt sabet li l-industrija Ewropea tal-karozzi tinkludi l-aktar manifatturi kbar attivi fl-assemblaġġ tal-vetturi u fil-produzzjoni tal-komponenti. Xi SMEs jimmanifatturaw vetturi jew sistemi li jeħtieġu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE. Ġew identifikati 35 SME li jibnu vetturi speċjalizzati fuq il-bażi ta' sistemi tal-motopropulsjoni prodotti minn manifatturi akbar. Qegħdin jiġu proposti regoli simplifikati għall-manifatturi ta' volum żgħir, sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet marbuta ma' produzzjoni limitata.

Iffrankar tal-kostijiet: Il-Valutazzjoni tal-Impatt analizzat ukoll kif possibbilment tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi u ta' konformità mhux meħtieġa. Filwaqt li l-proposta żżid il-kostijiet regolatorji għall-manifatturi tal-vetturi fil-forma ta' kostijiet tal-hardware għat-teknoloġiji u s-sensuri tal-kontroll tat-tniġġis; u l-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-kalibrazzjoni relatati, il-proposti jġibu wkoll iffrankar tal-kostijiet ta' konformità waqt l-ittestjar, xhieda tat-testijiet mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, tariffi tal-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll iffrankar tal-kostijiet amministrattivi. B'mod partikolari, il-piż amministrattiv jonqos permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni u r-rekwiżiti l-ġodda għall-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet. Dawn tal-aħħar huma mistennija li jkomplu jissimplifikaw l-obbligi ta' rapportar u obbligi oħrajn ta' għoti ta' informazzjoni għall-proċeduri tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip u ta' verifika permezz tan-numru imnaqqas ta' approvazzjonijiet tat-tip. Fl-għażla 3a, l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi huwa stmat għal EUR 224 000 għal kull approvazzjoni tat-tip (EUR 22 għal kull vettura) għall-karozzi/vannijiet diżil u għal EUR 204 000 għal kull approvazzjoni tat-tip għall-karozzi/vannijiet petrol (EUR 26 għal kull vettura). Għat-trakkijiet/għax-xarabanks, l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi fl-għażla 3a jammonta għal EUR 66 000 għal kull approvazzjoni tat-tip tad-diżil (EUR 22 għal kull vettura) u għal EUR 67 000 għal kull approvazzjoni tat-tip tal-petrol (EUR 47 għal kull vettura). Fl-għażliet finalment magħżula, il-kostijiet kollha għall-karozzi/vannijiet huma mistennija li jkunu aktar baxxi.

Kompetittività: Minkejja l-kostijiet regolatorji għall-industrija u l-investimenti kumulattivi bl-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-proposta hija mistennija li jkollha effett pożittiv fuq il-kompetittività. Dan huwa dovut għal opportunitajiet ġodda tas-suq li joħorġu mill-iżvilupp ta' sensuri ġodda flimkien ma' protokolli ta' komunikazzjoni, ċibersigurtà u għażliet kontra t-tbagħbis. L-użu ta' teknoloġiji diġitali u nodfa avvanzati se jkun ta' vantaġġ sabiex jinkiseb aċċess għal swieq internazzjonali ewlenin, b'mod partikolari l-Istati Uniti u ċ-Ċina.

Diġitali: Kif kien immirat f'livell għoli fl-inizjattiva tad-Deċennju Diġitali[37], is-setturi kollha għandhom jgħaddu minn trasformazzjoni diġitali li fil-biċċa l-kbira se tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni ekoloġika, inkluż għat-trasport bit-triq, sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi. Il-proposta tinvolvi koerenza addizzjonali mat-tranżizzjoni doppja minħabba li tappoġġa t-tnaqqis tal-emissjonijiet matul il-ħajja tal-vetturi billi tintroduċi monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet u konnettività tal-vetturi. L-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Approvazzjoni tat-Tip għandhom ukoll preferibbilment iwasslu s-servizzi b'mod diġitali (inkluża informazzjoni li tinqara mill-magni). Dan jikkontribwixxi għall-kisba ta' soċjetà u ekonomija diġitali effettivi (Diġitali b'mod prestabbilit).

L-inizjattiva hija konsistenti mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", billi tikkontribwixxi għall-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (b'mod partikolari l-mobilità sostenibbli u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero). Dan jiżgura li t-trasport isir iniġġes anqas, speċjalment fil-bliet u jitqies bħala parti vitali mit-tranżizzjoni lejn mobilità nadifa. Il-Valutazzjoni tal-Impatt stabbiliet li l-għażliet ma humiex mistennija li jagħmlu ħsara sinifikanti lil kwalunkwe wieħed mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ambjentali[38].

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-ugwaljanza. Hija ma għandha l-ebda impatt differenzjali minħabba l-ġeneru.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma teħtieġx riżorsi finanzjarji addizzjonali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta tagħmel l-arranġamenti sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effettività tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 skont l-objettivi operazzjonali u sabiex tiġi stabbilita l-kawżalità bejn l-eżiti osservati u l-leġiżlazzjoni. Għal dan l-iskop, qegħdin jiġu proposti numru ta' indikaturi ta' monitoraġġ għar-rieżami tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 7. Dawn l-indikaturi ta' monitoraġġ jinkludu:

- in-numru ta' approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet skont l-Euro 7 għal kull tip ta' vettura;
- il-kostijiet matul il-fażi ta' implimentazzjoni u l-kostijiet amministrattivi għal kull approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet;
- prova ta' kontroll imtejjeb tal-emissjonijiet fil-kundizzjonijiet kollha tal-użu għall-inkwinanti regolati kollha;
- il-kostijiet tal-infurzar, inklużi l-kostijiet għall-ksur u l-penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità u l-kostijiet tal-monitoraġġ;

[37] COM(2021) 118 final

[38] B'mod partikolari għal dawn li ġejjin: l-Għan 3: Saħħa tajba u benesseri, l-Għan 6: Ilma nadif u sanità, l-Għan 13: Azzjoni klimatika, l-Għan 14: Il-ħajja taħt l-ilma u l-Għan 15: Il-ħajja fuq l-art.

- l-evoluzzjoni tal-emissjonijiet matul il-ħajja tal-vetturi kif murija minn kampanji ta' ttestjar xierqa u monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet.

Ir-rieżami tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 se jevalwa wkoll sett ta' indikaturi aktar ġenerali minn politiki oħrajn tal-UE dwar l-inkwinanti tal-arja għat-trasport bit-triq:

- il-livelli annwali tal-konċentrazzjoni ta' inkwinanti fiż-żoni urbani tal-Ewropa u s-sehem annwali tat-trasport bit-triq għall-emissjonijiet ta' inkwinanti kif irrapportati mill-Istati Membri lill-EEA skont id-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-tnaqqis tal-Emissjonijiet (NECD)[39] u inklużi fir-rapport annwali tal-EEA dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa;
- in-numru annwali ta' vetturi rreġistrati u s-sehem ta' teknoloġiji tas-sistema tal-motopropulsjoni fit-toroq tal-UE, kif irrapportati mill-Istati Membri lill-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi;
- l-iżvilupp annwali tal-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa (jiġifieri l-imwiet prematuri relatati mal-esponiment ta' ċerti inkwinanti) kif inkluż fir-rapport annwali tal-EEA dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa;
- is-sehem annwali tat-trasport bit-triq għall-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' ċerti inkwinanti kif irrapportat mill-Istati Membri lill-EEA taħt l-NECD;
- in-numru annwali ta' notifiki riċevuti mill-Istati Membri għall-ostakli tal-kummerċ intern tal-UE ta' karozzi, vannijiet, trakkijiet/xarabanks kkawżati minn preskrizzjonijiet tekniċi imposti mill-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali (jiġifieri projbizzjonijiet ta' kwalunkwe tip) skont il-proċedura ta' notifika tad-Direttiva 2015/1535[40].

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali, inklużi s-suġġett (l-Artikolu 1), il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 2) u d-definizzjonijiet tat-termini ewlenin użati fir-Regolament (l-Artikolu 3).

Il-Kapitolu II fih dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-manifatturi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom. B'mod aktar speċifiku, dan jinkludi l-obbligu tal-manifatturi fir-rigward tal-kostruzzjoni u d-disinn ta' tali vetturi, inklużi miżuri taċ-ċibersigurtà (l-Artikolu 4) u l-għażliet għall-manifatturi sabiex jiddikjaraw prestazzjoni aħjar b'limiti aktar baxxi ta' emissjonijiet u/jew b'durabbiltà mtejba tal-batterija, kif ukoll teknoloġiji tal-geofencing sabiex jippermettu modalità b'emissjonijiet żero tal-egżost (l-Artikolu 5). Il-manifatturi huma meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi tad-durabbiltà għall-ħajja tal-vetturi, iżda wkoll il-prestazzjoni minima tad-durabbiltà tal-batterija tat-trazzjoni, sabiex jissodisfaw il-limiti tal-emissjonijiet u rekwiżiti tekniċi relatati oħrajn (l-Artikolu 6). Sabiex tintwera l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, għandhom jitwettqu testijiet speċifiċi, kif ukoll isiru dikjarazzjonijiet speċifiċi u proċeduri amministrattivi (l-Artikolu 7). L-Artikolu 8 u l-Artikolu 9 jipprovdu regoli speċifiċi rigward il-manifatturi ta' volum żgħir (l-

---

[39] Id-Direttiva (UE) 2016/2284

[40] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika; ara wkoll il-proċedura ta' notifika 2015/1535

Artikolu 8) u l-vetturi mibnija f'diversi stadji (l-Artikolu 9), rispettivament, fir-rigward tat-testijiet u r-responsabbiltajiet.

Il-Kapitolu III jipprevedi Obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni u d-dati tad-dħul fis-seħħ (l-Artikolu 10) u jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati (l-Artikolu 11), kif ukoll sistemi ta' kontrolli tat-tniġġis u tar-reaġenti konsumabbli (l-Artikolu 12).

Il-Kapitolu IV jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-Rwol tal-Kummissjoni u ta' partijiet terzi fir-rigward tal-konformità tas-servizz u l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq (l-Artikolu 13).

Il-Kapitolu V jistabbilixxi t-testijiet u l-metodoloġiji speċifiċi li għandhom jiġu applikati mill-manifatturi u mill-awtoritajiet għal kull kategorija ta' vetturi kkonċernata sabiex tiġi pprovata l-konformità mar-rekwiżiti u mal-obbligi skont dan ir-Regolament (l-Artikolu 14). Huwa jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi rigward l-adattament għall-progress tekniku (l-Artikolu 15).

Il-Kapitolu VI jipprevedi dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati (l-Artikolu 16), il-proċedura ta' kumitat (l-Artikolu 17) u r-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri (l-Artikolu 18).

Il-Kapitolu VII jipprevedi dispożizzjonijiet finali dwar it-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 (l-Artikolu 19) u d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 20).

2022/0365 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[41],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[42],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-suq intern huwa żona li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Għal dak il-għan, ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] introduċa sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.

(2) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") jenħtieġ li jibqgħu armonizzati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent komuni fl-Istati Membri kollha.

(3) Dan ir-Regolament huwa att regolatorju separat għall-finijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stipulata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858. Dan jistabbilixxi dispożizzjonijiet u rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-vetturi u d-durabbiltà tal-batteriji, filwaqt li l-elementi tekniċi se jiġu stipulati permezz tal-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami u l-assistenza ta '

41 ĠU C , , p. .

42 ĠU C , , p. .

43 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (proċedura ta' komitoloġija).

(4) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") bħalissa huma stabbiliti f'żewġ Regolamenti li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief u tqal rispettivament, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro 6") [44] u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro VI") [45]. Ir-raġuni għaliex kien hemm żewġ Regolamenti kienet li l-emissjonijiet ta' vetturi tqal ġew ivverifikati abbażi tal-ittestjar tal-magna, filwaqt li għal vetturi ħfief il-bażi kienet l-ittestjar tal-vettura kollha. Minn dak iż-żmien, ġew żviluppati metodoloġiji li jippermettu l-ittestjar kemm ta' vetturi ħfief kif ukoll ta' vetturi tqal fit-triq. Għalhekk, ma għadux meħtieġ li l-approvazzjoni tat-tip tkun ibbażata fuq l-ittestjar tal-magna.

(5) L-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 f'Regolament wieħed jenħtieġ li tiżgura l-koerenza interna tas-sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal dawk tqal, filwaqt li tippermetti limiti tal-emissjonijiet differenti għal tali vetturi.

(6) Barra minn hekk, il-limiti tal-emissjonijiet attwali ġew adottati fl-2007 għal vetturi ħfief u fl-2009 għal vetturi tqal. Iż-żewġ limiti tal-emissjonijiet ġew adottati abbażi tat-teknoloġija li kienet disponibbli f'dak iż-żmien. Minn dak iż-żmien 'il hawn, it-teknoloġija avvanzat u l-livell ta' emissjonijiet miksub b'kombinament ta' teknoloġiji attwali huwa ħafna aktar baxx minn dak miksub aktar minn 15-il sena ilu. Jenħtieġ li dak il-progress teknoloġiku jkun rifless fil-limiti tal-emissjonijiet ibbażati fuq it-teknoloġija mill-aktar avvanzata eżistenti u l-għarfien tal-kontrolli tat-tniġġis u għall-inkwinanti rilevanti kollha.

(7) Huwa meħtieġ ukoll li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet amministrattivi u tal-implimentazzjoni għall-manifatturi u għall-awtoritajiet u li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-klassijiet tal-emissjonijiet Euro. Is-simplifikazzjoni tinkiseb billi jiġu eliminati dati ta' applikazzjoni differenti għal-limiti u t-testijiet li kienu jeżistu taħt l-Euro 6 u l-Euro VI, billi jiġu eliminati testijiet multipli u kumplessi tal-emissjonijiet meta tali testijiet ma jkunux meħtieġa, billi ssir referenza għall-istandards skont ir-Regolamenti eżistenti tan-NU, fejn applikabbli, u billi jiġi żgurat sett simplifikat u konsistenti ta' proċeduri u testijiet għad-diversi fażijiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet kemm għal vetturi ħfief kif ukoll għal vetturi tqal ikunu limitati fil-ħajja reali, jeħtieġ li l-vetturi jiġu ttestjati f'kundizzjonijiet reali ta' użu b'sett minimu ta' restrizzjonijiet, limiti u rekwiżiti oħrajn tas-sewqan u mhux biss fil-laboratorju.

---

44 Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

45 Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

(9) L-akkuratezza tat-tagħmir portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet użat għall-kejl tal-emissjonijiet tal-vetturi użati fit-triq tjiebet b'mod sinifikanti minn mindu ġie introdott. Għalhekk, huwa xieraq li l-limiti tal-emissjonijiet jiġu bbażati fuq tali kejl fit-triq u, għalhekk, l-ittestjar fit-triq ma jibqax jeħtieġ l-użu ta' fatturi ta' konformità.

(10) Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jirrikjedu li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet għal perjodu ta' żmien speċifikat, li ma għadux jikkorrispondi għall-ħajja medja tal-vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-durabbiltà li jirriflettu l-ħajja medja mistennija tal-vetturi fl-Unjoni.

(11) Issa hemm teknoloġiji disponibbli u użati b'mod wiesa' madwar id-dinja li jillimitaw l-emissjonijiet evaporattivi ta' komposti organiċi volatili matul l-użu, l-ipparkjar u r-riforniment ta' vettura bil-fjuwil tal-petrol. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-limiti tal-emissjonijiet għal tali komposti organiċi volatili f'livell aktar baxx u li jiġu introdotti limiti tal-emissjonijiet għall-fażi tar-riforniment tal-fjuwil.

(12) L-emissjonijiet mhux tal-egżost jikkonsistu f'partikoli emessi mit-tajers u mill-brejkijiet tal-vetturi. L-emissjonijiet mit-tajers huma stmati li huma l-akbar sors ta' mikroplastiċi fl-ambjent. Kif muri fil-Valutazzjoni tal-Impatt, huwa mistenni li sal-2050, l-emissjonijiet mhux tal-egżost se jikkostitwixxu sa 90 % tal-partikoli kollha emessi mit-trasport bit-triq, minħabba li l-partikoli tal-egżost se jonqsu minħabba l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-emissjonijiet mhux tal-egżost jitkejlu u jiġu limitati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji rapport dwar il-brix tat-tajers sa tmiem l-2024 sabiex tirrieżamina l-metodi tal-kejl u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex tipproponi limiti għall-brix tat-tajers.

(13) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jirregola l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet (GSI), li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jimminimizzaw il-konsum tal-fjuwil ta' vettura meta sewwieq isegwi l-indikazzjonijiet tagħha. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-inkwinanti fl-użu reali, inkluż meta jiġu segwiti l-GSI, jenħtieġ li jiġu indirizzati f'dan ir-Regolament.

(14) Il-vetturi bil-batteriji tat-trazzjoni, inklużi l-vetturi ibridi plug-in u l-vetturi elettriċi bil-batteriji, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq. Sabiex tinkiseb u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur f'tali vetturi, jenħtieġ li dawn ikunu jiffunzjonaw sewwa u durabbli. Għalhekk, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-batteriji tat-trazzjoni jżommu parti tajba mill-kapaċità inizjali tagħhom wara ħafna snin ta' użu. Dan huwa ta' importanza partikolari għax-xerrejja ta' vetturi elettriċi użati sabiex jiġi żgurat li l-vettura tkompli taħdem kif mistenni. Għalhekk, jenħtieġ li l-monitors tal-istat tas-saħħa tal-batterija jkunu meħtieġa għall-vetturi kollha li jużaw il-batteriji tat-trazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti minimi

---

46 Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

tal-prestazzjoni għad-durabbiltà tal-batteriji tal-karozzi tal-passiġġieri, filwaqt li jitqies ir-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 22[47].

(15) It-tbagħbis tal-vetturi sabiex jitneħħew jew jiġu diżattivati partijiet mis-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis huwa problema magħrufa sew. Tali prattika twassal għal emissjonijiet mhux ikkontrollati u jenħtieġ li tiġi evitata. It-tbagħbis tal-odometru jwassal għal kilometraġġ falz u jfixkel il-kontroll xieraq waqt is-servizz ta' vettura. Għalhekk, huwa tal-akbar importanza li tiġi ggarantita l-ogħla protezzjoni possibbli tas-sigurtà ta' dawk is-sistemi, kompluta b'ċertifikati tas-sigurtà u protezzjoni xierqa kontra t-tbagħbis sabiex jiġi żgurat li la s-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis u lanqas l-odometru tal-vettura ma jkunu jistgħu jiġu mbagħbsa.

(16) Illum diġà qegħdin jintużaw sensuri installati fuq il-vetturi sabiex jindividwaw anomaliji fl-emissjonijiet u sabiex jiskattaw tiswijiet relatati permezz tas-sistema dijanjostika abbord (OBD). Madankollu, is-sistema OBD li qiegħda tintuża bħalissa ma tindividwax b'mod preċiż jew f'waqtu l-ħsarat u lanqas ma twassal sabiex isiru tiswijiet suffiċjenti u f'waqthom. B'riżultat ta' dan, huwa possibbli li l-vetturi jarmu ferm aktar milli huma permessi. Is-sensuri użati sa issa għall-OBD jistgħu jintużaw ukoll sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vetturi fuq bażi kontinwa permezz ta' sistema ta' monitoraġġ abbord (OBM). L-OBM se twissi wkoll lill-utent sabiex iwettaq tiswijiet tal-magna jew tas-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis meta dawn ikunu meħtieġa. Għalhekk, huwa xieraq li jkun meħtieġ li tali sistema tiġi installata u li jiġu regolati r-rekwiżiti tekniċi tagħha.

(17) Il-manifatturi jistgħu jagħżlu li jipproduċu vetturi li jikkonformaw ma' limiti aktar baxxi tal-emissjonijiet jew ma' durabbiltà aħjar tal-batteriji minn dak li huwa meħtieġ f'dan ir-Regolament, jew li jinkludu għażliet avvanzati, inklużi geofencing u kontrolli adattivi. Jenħtieġ li l-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jidentifikaw tali vetturi permezz ta' dokumentazzjoni xierqa. Għalhekk, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport ambjentali tal-vetturi (EVP).

(18) F'każ li l-Kummissjoni tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni wara l-2035 ta' vetturi ħfief ġodda li jaħdmu esklussivament fuq fjuwils newtrali għas-$CO_2$ barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-flotta tas-$CO_2$, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, dan ir-Regolament se jkollu jiġi emendat sabiex jinkludi l-possibbiltà li tali vetturi jkollhom it-tip approvat.

(19) L-emissjonijiet minn vetturi mibjugħa minn manifatturi ta' volum żgħir jikkostitwixxu parti insinifikanti mill-emissjonijiet fl-Unjoni. Għalhekk, f'xi wħud mir-rekwiżiti għal tali manifatturi tista' tiġi permessa ċerta flessibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi ta' volum żgħir ikunu jistgħu jissostitwixxu ċerti testijiet matul l-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjonijiet tal-konformità, filwaqt li l-manifatturi ta' volum żgħir ħafna jenħtieġ li jitħallew jużaw testijiet tal-laboratorju bbażati fuq ċikli aleatorji ta' sewqan reali.

(20) Ir-Regolamenti (UE) 2019/631[48] u (UE) 2019/1242[49] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirregolaw ir-rendiment medju tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-flotta għall-vetturi

---

47 Ir-Regolament Tekniku Globali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Durabbiltà tal-Batterija fil-Vettura għall-Vetturi Elettrifikati, UN GTR 22

48 Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

bil-mutur ġodda fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċeduri u l-metodoloġiji għad-determinazzjoni preċiża tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, tal-awtonomija elettrika u tal-potenza għal vetturi individwali jiġu introdotti fl-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet.

(21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-obbligi tal-manifatturi bħala parti mill-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri, it-test u l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għad-dikjarazzjoni tal-konformità, il-konformità tal-kontroll tal-produzzjoni, il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz u l-passaport ambjentali tal-vetturi (EVP); l-għażliet u d-deżinjazzjonijiet tal-vetturi; ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mad-durabbiltà tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' reġistrazzjoni u ta' komunikazzjoni tas-sistemi ta' OBM, inkluż għall-fini ta' spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u kontrolli tal-affidabbiltà stradali; ir-rekwiżiti u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-manifatturi ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, kif ukoll il-proċeduri sabiex jiġi ddeterminat il-valur tas-$CO_2$ għal dawn il-vetturi mibnija f'diversi stadji; l-elementi tekniċi, ir-rekwiżiti amministrattivi u ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet u l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll l-obbligi ta' rapportar, il-konformità waqt is-servizz u l-konformità tal-kontrolli tal-produzzjoni; il-metodi u t-testijiet sabiex (i) jitkejlu l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji u tal-agħar xenarju tat-test tal-RDE, l-użu ta' sistemi portabbli tal-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali u tal-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle, (ii) jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iii) jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet għall-indikatur tat-tibdil tal-ger (GSI), (iv) jiġi ddeterminat l-impatt ta' trejlers $O_3$, $O_4$ fuq il-konsum tas-$CO_2$, tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iv) jitkejlu l-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank, l-emissjonijiet evaporattivi, l-emissjonijiet mill-brejkijiet, (v) tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija, (vi) tiġi vvalutata l-konformità waqt is-servizz tal-magni u tal-vetturi; il-limiti tal-konformità u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni, kif ukoll (vii) it-test u l-metodi sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sensuri (OBD u OBM); (viii) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà; l-ispeċifikazzjoni u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u tal-metodi ta' inċitament u sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom; (ix) il-metodi sabiex jiġu vvalutati t-tħaddim korrett, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis; (x) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà, inklużi l-analiżi tal-vulnerabbiltà u l-protezzjoni mit-tbagħbis; (xi) il-metodi sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament korrett tat-tipi approvati taħt deżinjazzjonijiet speċifiċi tal-EURO 7; (xii) il-kriterji għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għall-manifatturi ta' volum żgħir u żgħir ħafna; (xiii) il-kontrolli u l-proċeduri ta' ttestjar għall-vetturi mibnija f'diversi stadji; (xiv) ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni għat-tagħmir tat-test; (xv) l-ispeċifikazzjoni tal-fjuwils ta' referenza; u (xvi) il-metodi għall-valutazzjoni tan-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji

[49] Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202)

ta' manipulazzjoni; (xvii) sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers, kif ukoll (xviii) il-format tal-EVP, id-*data* u l-metodu ta' komunikazzjoni tad-*data* tal-EVP. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50].

(22) Sabiex jiġu emendati jew issupplimentati, kif xieraq, elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi, brejkijiet jew tajers Euro 7; ir-rekwiżiti tat-test, b'mod partikolari billi jitqiesu l-progress tekniku u d-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7; l-introduzzjoni ta' għażliet u deżinjazzjonijiet tal-vetturi bbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi, iżda wkoll l-istabbiliment ta' limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet u limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers, kif ukoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-batteriji u multiplikaturi tad-durabbiltà bbażati fuq id-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7 u l-istabbiliment ta' definizzjonijiet u regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir għal vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[51]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(23) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, billi r-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur u tal-magni, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi huma aġġornati u kollha jinsabu f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-Regolamenti eżistenti (KE) Nru 595/2009 u (KE) Nru 715/2007 jitħassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament.

(24) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, jenħtieġ li dawn jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52] u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53], kif ukoll mal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għalihom.

(25) Huwa importanti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-

---

50 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

51 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

52 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

53 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

applikazzjoni tiġi differita. Filwaqt li għall-vetturi ħfief, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tkun mill-aktar fis possibbli mil-lat tekniku, għall-vetturi tqal u t-trejlers, id-data tal-applikazzjoni tista' tiddewwem aktar b'sena, minħabba li t-tranżizzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero se tkun itwal għall-vetturi tqal.

(26) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategoriji M u N, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll dwar is-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda minflok jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni u dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-inkwinanti tagħhom, tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u tad-durabbiltà tal-batterija.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet inizjali, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz, is-sorveljanza tas-suq, id-durabbiltà tas-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis u tal-batteriji tat-trazzjoni, is-sistemi ta' monitoraġġ abbord, id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà sabiex jillimitaw it-tbagħbis u miżuri ta' ċibersigurtà, u d-determinazzjoni preċiża tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, l-awtonomija elettrika, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi bil-mutur tal-kategoriji $M_1$, $M_2$, $M_3$, $N_1$, $N_2$ u $N_3$, kif ukoll trejlers tal-kategoriji $O_3$ u $O_4$ kif speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858, inklużi dawk iddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew aktar, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2018/858.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet" tfisser approvazzjoni tat-tip tal-UE li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom;

(2) "approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet inizjali" jew "IETA" tfisser l-ewwel fażi ta' proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet qabel ma jingħata ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet mill-awtoritajiet u jibdew jiġu prodotti l-vetturi;

(3) "konformità tal-produzzjoni" jew "CoP" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi ġodda, unitajiet tekniċi separati jew komponenti magħżula fil-bini tal-manifattur sabiex jiġi żgurat li l-prodotti mqiegħda fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(4) "konformità waqt is-servizz" jew "ISC" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi fiċ-ċirkolazzjoni bl-iskop li jiġu vverifikati r-rekwiżiti tad-durabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(5) "magna" tfisser is-sors ta' propulsjoni ta' vettura;

(6) "emissjonijiet" tfisser l-emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost ta' vettura bil-mutur;

(7) "emissjonijiet tal-egżost" tfisser l-emissjoni mit-tailpipe tal-vettura bil-mutur jew tal-magna ta' dawn kollha li ġejjin: $CO_2$, komposti gassużi, solidi, likwidi u emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank;

(8) "inkwinanti gassużi" tfisser l-emissjonijiet ta' speċijiet kimiċi gassużi, minbarra s-$CO_2$;

(9) "emissjonijiet tas-$CO_2$" jew "$CO_2$" tfisser l-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju mit-tailpipe tal-vettura bil-mutur jew tal-magna;

(10) "ossidi tan-nitroġenu" jew "$NO_x$" tfisser is-somma tal-ossidi tan-nitroġenu emessi mit-tailpipe;

(11) "materja partikolata" jew "PM" tfisser kwalunkwe materjal emess mit-tailpipe jew mill-brejkijiet u miġbur fuq mezz ta' filtru;

(12) "materja partikolata ta' anqas minn 10 µm" jew "$PM_{10}$" tfisser il-materja partikolata b'dijametru ta' anqas minn 10 µm;

(13) "numru ta' partikoli" jew "PN" tfisser in-numru totali ta' partikoli solidi emessi mit-tailpipe jew mill-brejkijiet;

(14) "numru ta' partikoli ta' aktar minn 10 nm" jew "$PN_{10}$" tfisser in-numru totali ta' partikoli solidi emessi mit-tailpipe jew mill-brejkijiet li għandhom dijametru ta' 10 nm jew akbar;

(15) "monossidu tal-karbonju" jew "CO" tfisser il-monossidu tal-karbonju emess mill-iżbokk tal-egżost;

(16) "metan" jew "$CH_4$" tfisser il-metan emess mill-iżbokk tal-egżost;

(17) "idrokarburi totali" jew "THC" tfisser l-idrokarburi totali emessi mill-iżbokk tal-egżost;

(18) “idrokarburi mhux metaniċi” jew “NHMC” tfisser l-idrokarburi totali emessi mill-iżbokk tal-egżost, minbarra metan;

(19) “gassijiet organiċi mhux metaniċi” jew “NMOG” tfisser is-somma ta’ idrokarburi mhux ossiġenati u ossiġenati emessi mill-iżbokk tal-egżost;

(20) “ammonijaka” jew “$NH_3$” tfisser l-ammonijaka emessa mill-iżbokk tal-egżost;

(21) “formaldeid” jew “HCHO” tfisser il-formaldeid emess mill-iżbokk tal-egżost;

(22) “WHTC” tfisser iċ-ċiklu ta’ sewqan tranżitorju armonizzat fuq livell dinji f’konformità mal-paragrafu 7.2.1. tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 49;

(23) “WHSC” tfisser iċ-ċiklu ta’ sewqan fi stat stabbli armonizzat fuq livell dinji f’konformità mal-paragrafu 7.2.2. tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 49;

(24) “għodda għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija tal-vettura” jew “VECTO” tfisser għodda ta’ simulazzjoni użata għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika minn vetturi tqal; “konsum tal-enerġija” tfisser il-konsum tal-enerġija elettrika minn kull wieħed mis-sorsi ta’ propulsjoni kollha fi ħdan vettura;

(25) “konsum tal-fjuwil” tfisser il-konsum tal-fjuwil minn kull wieħed mis-sorsi ta’ propulsjoni kollha fi ħdan vettura;

(26) “emissjonijiet evaporattivi” tfisser il-fwar tal-idrokarburi emessi mis-sistema tal-fjuwil ta’ vettura, minbarra dawk mill-emissjonijiet tal-egżost;

(27) “emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank” tfisser l-inkwinanti gassużi emessi mill-ispazji f’magna jew barra minnha li huma konnessi mas-samp taż-żejt b’kanali interni jew esterni;

(28) “emissjonijiet ta’ partikoli tal-brejkijiet” tfisser il-partikoli emessi mis-sistema tal-brejkijiet ta’ vettura;

(29) “brix tat-tajers” tfisser il-massa ta’ materjal mitluf mit-tajer minħabba l-proċess tal-brix u emess fl-ambjent;

(30) “emissjonijiet mhux tal-egżost” tfisser emissjonijiet evaporattivi, tal-brix tat-tajers u tal-brejkijiet;

(31) “emissjonijiet ta’ inkwinanti” tfisser emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost għajr emissjonijiet tas-$CO_2$;

(32) “apparat għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser dawk l-apparati ta’ vettura li jikkontrollaw jew jillimitaw l-emissjonijiet ta’ inkwinanti;

(33) “sistemi għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser l-apparati għall-kontroll tat-tniġġis installati f’vettura, inklużi l-unitajiet ta’ kontroll u s-software kollha li jirregolaw l-użu tagħhom;

(34) “sistemi oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tali sistemi koperti mill-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura kkonċernata;

(35) “sistemi ta’ sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tali sistemi maħsuba sabiex jissostitwixxu sistema oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis u li jistgħu jiġu approvati bħala unità teknika separata;

(36) “funzjoni ta’ kontroll adattiva” tfisser sistema li taġġusta l-magna, is-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis jew parametri oħrajn tal-vettura bl-iskop li ttejjeb il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-effettività tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis abbażi tal-użu mistenni tal-vettura;

(37) “sistema dijanjostika abbord” jew “OBD” tfisser sistema li tista’ tiġġenera informazzjoni dwar is-sistema dijanjostika abbord il-vettura (OBD), kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 49, tar-Regolament (UE) 2018/858 u li tkun kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD u fuq l-arja;

(38) “sistema ta’ monitoraġġ abbord” jew “OBM” tfisser sistema abbord vettura li tkun kapaċi tindividwa eċċedenzi tal-emissjonijiet jew meta vettura tkun f’modalità ta’ emissjonijiet żero, jekk applikabbli, u li tkun kapaċi tindika l-okkorrenza ta’ tali eċċedenzi permezz ta’ informazzjoni maħżuna fil-vettura, u li tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD u fuq l-arja;

(39) “apparat ta’ monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija” jew “apparat tal-OBFCM” tfisser kwalunkwe software jew hardware li jħoss u jużа parametri tal-vettura, tal-magna, tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika u tat-tagħbija utli/tal-massa sabiex jiddetermina, jaħżen fil-vettura *data* dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u parametri oħrajn rilevanti għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika tal-vettura;

(40) “apparat ta’ manipulazzjoni” tfisser kwalunkwe software jew hardware li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, il-veloċità tal-magna, il-ger tat-trażmissjoni, il-vakwu tal-manifold jew kwalunkwe parametru ieħor sabiex jattiva, jimmodula, idewwem jew jiddiżattiva t-tħaddim ta’ kwalunkwe parti mis-sistema għall-kontroll tat-tniġġis, bl-iskop li titnaqqas l-effettività tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis meta tinstaq il-vettura;

(41) “strateġija ta’ manipulazzjoni” tfisser strateġija li tnaqqas l-effettività tal-kontrolli tat-tniġġis f’kundizzjonijiet ambjentali jew ta’ tħaddim tal-magna li wieħed jiltaqa’ magħhom jew waqt it-tħaddim tal-vettura jew barra mill-proċeduri tat-test tal-approvazzjoni tat-tip jew tiffalsifika d-*data* relatata mas-sensuri, il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija, l-awtonomija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija;

(42) “emissjonijiet f’sewqan reali” jew “RDE” tfisser l-emissjonijiet ta’ vettura f’kundizzjonijiet normali tas-sewqan u f’kundizzjonijiet estiżi kif speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness III;

(43) “odometru” tfisser strument li jindika d-distanza totali misjuqa mill-vettura mill-produzzjoni tagħha;

(44) “tbagħbis” tfisser l-inattivazzjoni, jew il-modifika mill-operaturi ekonomiċi jew minn operaturi indipendenti, tal-magna, tat-tagħmir u tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis tal-vettura, tas-sistema ta’ propulsjoni, tal-batterija tat-trazzjoni, tal-odometru, tal-OBFCM jew tal-OBD/OBM, inkluż kwalunkwe software jew element ta’ kontroll loġiku ieħor ta’ dawk is-sistemi u d-*data* tagħhom;

(45) “faċilità tal-produzzjoni proprja” tfisser impjant tal-manifattura jew tal-assemblaġġ użat mill-manifattur għall-fini tal-manifattura jew tal-assemblaġġ ta’ vetturi ġodda għal dak il-manifattur, inklużi, fejn rilevanti, vetturi li huma maħsuba għall-esportazzjoni;

(46) “ċentru tad-disinn proprju” tfisser faċilità fejn tiġi ddisinjata u żviluppata l-vettura kollha, u li hija taħt il-kontroll u l-użu tal-manifattur;

(47) “manifattur ta’ volum żgħir” tfisser manifattur ta’ anqas minn 10 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $M_1$ jew 22 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $N_1$ irreġistrati fl-Unjoni kull sena kalendarja u li:

(a) ma jagħmilx parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi; jew

(b) jagħmel parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi li b’kollox huwa responsabbli għal anqas minn 10 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $M_1$ jew 22 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $N_1$ irreġistrati fl-Unjoni kull sena kalendarja; jew

(c) jagħmel parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi iżda li jopera l-faċilitajiet ta’ produzzjoni u ċ-ċentru ta’ disinn tiegħu stess;

(48) “manifattur ta’ volum żgħir ħafna” tfisser manifattur ta’ volum żgħir li jipproduċi anqas minn 1 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $M_1$ jew anqas minn 1 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija $N_1$ irreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti;

(49) “vettura b’magna ta’ kombustjoni interna pura” jew “ICEV” tfisser vettura fejn il-konvertituri kollha tal-enerġija tal-propulsjoni jkunu magni ta’ kombustjoni interna, inklużi dawk li jaħdmu bl-idroġenu;

(50) “vettura purament elettrika” jew “PEV” tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklussivament magni elettriċi bħala konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni u esklussivament sistemi rikarikabbli għall-ħżin tal-enerġija elettrika bħala sistemi għall-ħżin tal-enerġija tal-propulsjoni;

(51) “ċellola tal-fjuwil” tfisser konvertitur tal-enerġija li jittrasforma l-enerġija kimika (input) f’enerġija elettrika (output) jew viċi versa;

(52) “vettura b’ċellola tal-fjuwil” jew “FCV” tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklussivament ċellola/i tal-fjuwil u magna/i elettrika/elettriċi bħala konvertitur(i) tal-enerġija tal-propulsjoni;

(53) “vettura ibrida b’ċellola tal-fjuwil” jew “FCHV” tfisser vettura b’ċellola tal-fjuwil mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha mill-anqas sistema waħda għall-ħżin tal-fjuwil u mill-anqas sistema rikarikabbli waħda għall-ħżin tal-enerġija elettrika bħala sistemi għall-ħżin tal-enerġija tal-propulsjoni;

(54) “vettura ibrida”’ jew “HV” tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha mill-anqas żewġ kategoriji differenti ta’ konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni u mill-anqas żewġ kategoriji differenti ta’ sistemi għall-ħżin tal-enerġija tal-propulsjoni;

(55) “vettura elettrika ibrida” jew “HEV” tfisser vettura ibrida fejn wieħed mill-konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni jkun magna elettrika;

(56) “vettura elettrika ibrida li tiġi ċċarġjata esternament” jew “OVC-HEV” tfisser vettura elettrika ibrida li tista’ tiġi ċċarġjata minn sors estern;

(57) “vettura elettrika ibrida li ma tistax tiġi ċċarġjata esternament” jew “NOVC-HEV” tfisser vettura b’mill-anqas żewġ konvertituri tal-enerġija differenti u żewġ sistemi differenti għall-ħżin tal-enerġija li jintużaw għall-fini tal-propulsjoni tal-vettura u li ma tistax tiġi ċċarġjata minn sors estern;

(58) “teknoloġiji tal-geofencing” tfisser teknoloġiji li ma jippermettux li vettura ibrida taħdem bl-użu tal-magna ta’ kombustjoni interna (jiġifieri sabiex tkun permessa modalità b’emissjonijiet żero) meta l-vettura tinstaq f’żona ġeografika speċifika;

(59) “modalità b’emissjonijiet żero” tfisser modalità li tista’ tintgħażel, fejn vettura ibrida tinstaq mingħajr l-użu tal-magna ta’ kombustjoni interna;

(60) “potenza netta” tfisser il-potenza miksuba fuq bank tat-test fl-aħħar tal-krankxaft jew l-ekwivalenti tiegħu bil-veloċità korrispondenti tal-magna jew tal-mutur bl-awżiljarji, u li tiġi ddeterminata fil-kundizzjonijiet atmosferiċi ta’ referenza;

(61) “potenza tar-rota” tfisser il-potenza mkejla fir-roti ta’ vettura u li tintuża għall-propulsjoni tagħha;

(62) “proporzjon tal-potenza għall-massa” tfisser il-proporzjon tal-potenza nominali għall-massa fi stat ta’ tħaddim;

(63) “potenza nominali” jew “$P_{nominali}$” tfisser il-potenza netta massima tal-magna jew tal-mutur f’kW;

(64) “massa fi stat ta’ tħaddim” tfisser il-massa tal-vettura, bit-tank(ijiet) tal-fjuwil tagħha mimli(jin) sa mill-anqas 90 fil-mija tal-kapaċitajiet tiegħu/tagħhom, inkluża l-massa tas-sewwieq, tal-fjuwil u tal-likwidi, immuntati bit-tagħmir standard f’konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u, meta jkunu immuntati, il-massa tal-karozzerija, tal-kabina, tal-akkoppjar u tal-istepni, kif ukoll tal-għodda;

(65) “batterija tat-trazzjoni” tfisser sistema ta’ batterija li taħżen l-enerġija bl-iskop ewlieni li tmexxi l-vettura;

(66) “awtonomija elettrika” tfisser id-distanza vvjaġġata f’kundizzjoni ta’ operat fil-modalità ta’ eżawriment taċ-ċarġ sakemm tiġi eżawrita l-batterija tat-trazzjoni;

(67) “medda b’emissjonijiet żero” tfisser id-distanza massima li tista’ tivvjaġġa vettura b’emissjonijiet żero sakemm jiġu eżawriti l-batterija tat-trazzjoni jew it-tank tal-fjuwil, li għall-PEVs tikkorrespondi għall-awtonomija elettrika;

(68) “durabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ sistema jew apparat, komponent jew kwalunkwe parti mill-vettura li jżommu l-prestazzjoni meħtieġa tagħhom matul ħin partikolari;

(69) “durabbiltà tal-batterija” tfisser id-durabbiltà ta’ batterija tat-trazzjoni mkejla f’termini tal-Istat tas-Saħħa tagħha;

(70) “stat tas-saħħa” jew “SOH” tfisser l-istat imkejjel jew stmat ta’ metrika ta’ prestazzjoni speċifika ta’ vettura jew batterija tat-trazzjoni f’punt speċifiku fil-ħajja tagħha, espress bħala perċentwal tal-prestazzjoni li ġiet iddeterminata meta ċċertifikata jew ġdida;

(71) “passaport ambjentali ta’ vettura” jew “EVP” tfisser rekord fuq karta u f’forma diġitali li jkun fih informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta’ vettura fil-mument tar-reġistrazzjoni, inkluż il-livell tal-limiti tal-emissjonijiet ta’ inkwinanti, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ , il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna, u d-durabbiltà tal-batterija u valuri relatati oħrajn;

(72) “sistema ta’ twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi” tfisser sistema ddisinjata, mibnija u installata f’vettura sabiex tipprovdi informazzjoni lill-utent dwar emissjonijiet eċċessivi u tinforza tiswijiet;

(73) “sistema ta’ twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta’ reaġenti” tfisser sistema ddisinjata, mibnija u installata f’vettura sabiex twissi lill-utent dwar il-livell baxx tar-reaġent konsumabbli, u sabiex tinforza l-użu tar-reaġent;

(74) “emissjonijiet waqt it-tħaddim ta’ magna fuq idle” tfisser emissjonijiet tal-egżost prodotti meta l-magna ta’ kombustjoni interna topera iżda ma tkunx mgħobbija għall-finijiet ta’ propulsjoni tal-vettura;

(75) “dikjarazzjoni ta’ konformità” tfisser dikjarazzjoni mill-manifattur li tip jew grupp speċifiku ta’ vetturi, komponent jew unità teknika separata jkun konformi mar-rekwiżiti ta’ dan ir-regolament

(76) “effiċjenza enerġetika ta’ trejler” tfisser il-prestazzjoni ta’ trejler fir-rigward tal-influwenza tiegħu fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, il-medda ta’ emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta’ vettura bil-mutur tal-irmonk;

(77) “tajer tal-borra” tfisser tajer li d-disinn tat-tread, il-kompożizzjoni tat-tread jew l-istruttura tiegħu huma primarjament iddisinjati sabiex huwa jikseb f’kundizzjonijiet ta’ borra prestazzjoni aħjar minn dik ta’ tajer normali fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jibda jew iżomm il-moviment tal-vettura;

(78) “tajer għal użu speċjali” tfisser tajer maħsub għal użu mħallat kemm fit-triq kif ukoll off-road jew għal xogħol speċjali ieħor. Dawn it-tajers huma primarjament iddisinjati sabiex jibdew u jżommu l-vettura miexja f’kundizzjonijiet off-road.

# Kapitolu II – Obbligi tal-manifatturi

*Artikolu 4*

**L-obbligi tal-manifatturi dwar il-kostruzzjoni tal-vetturi**

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi l-ġodda li jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, ikollhom it-tip approvat f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponenti l-ġodda jew l-unitajiet tekniċi separati, inklużi l-magni, il-batteriji tat-trazzjoni, is-sistemi tal-brejkijiet u s-sistemi ta’ sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis li jeħtieġu l-approvazzjoni tat-tip li jimmanifatturaw u li jinbiegħu jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni jkollhom it-tip approvat f’konformità ma’ dan ir-Regolament

2. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I u jirrispettaw il-valuri ddikjarati fiċ-ċertifikat ta’ konformità u fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawn il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi “Euro 7”.

3. Meta tiġi vverifikata l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost, fejn l-ittestjar isir f’kundizzjonijiet ta’ sewqan estiżi, l-emissjonijiet għandhom jiġu diviżi bid-diviżur tas-sewqan estiż stabbilit fl-Anness III.

   L-emissjonijiet matul ir-riġenerazzjoni tas-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis se jiġu inklużi bħala medja ponderata abbażi tal-frekwenza u d-durata tal-avvenimenti ta’ riġenerazzjoni.

4. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw u jibnu komponenti jew unitajiet tekniċi separati, inklużi magni, batteriji tat-trazzjoni, sistemi tal-brejkijiet u sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparat ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni.

6. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi tal-kategoriji $M_1$, $M_2$, $M_3$, $N_1$, $N_2$ u $N_3$ b':

(a) sistemi OBD li kapaċi jindividwaw sistemi li ma jaħdmux tajjeb li jwasslu għal eċċedenzi tal-emissjonijiet sabiex jiffaċilitaw it-tiswijiet;

(b) sistemi OBM li kapaċi jindividwaw emissjonijiet 'il fuq mil-limiti tal-emissjonijiet minħabba ħsarat, degradazzjoni akbar jew sitwazzjonijiet oħrajn li jżidu l-emissjonijiet;

(c) apparat tal-OBFCM li jimmonitorja l-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija tagħhom f'kundizzjonijiet reali u parametri rilevanti oħrajn, bħat-tagħbija utli jew il-massa, li huma meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-effiċjenza tagħhom fl-użu tal-fjuwil u tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali;

(d) monitors SOH tal-batterija tat-trazzjoni u tas-sistemi tal-emissjonijiet;

(e) sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi;

(f) sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti;

(g) apparati li jikkomunikaw *data* ġġenerata mill-vettura użata għall-konformità ma' dan ir-regolament u *data* tal-OBFCM, għall-fini ta' testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq fuq l-arja, u għall-finijiet ta' komunikazzjoni ma' infrastruttura tal-irriċarġjar u ma' sistemi tal-enerġija stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.

7. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi tal-kategoriji $M_1$, $M_2$, $M_3$, $N_1$, $N_2$ u $N_3$ b'tali mod li jimminimizzaw il-vulnerabbiltajiet li jinħolqu fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li jistgħu jwasslu għal tbagħbis ta' dawn li ġejjin:

(a) is-sistema ta' injezzjoni tal-fjuwil u tar-reaġent,

(b) il-magna u l-unitajiet ta' kontroll tal-magna,

(c) il-batteriji tat-trazzjoni,

(d) l-odometru u

(e) is-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis.

8. Il-manifattur għandu jipprevjeni l-possibbiltà li jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu 7. Meta tinstab tali vulnerabbiltà, il-manifattur għandu jneħħi l-vulnerabbiltà, permezz ta' aġġornament tas-software jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor.

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw it-trażmissjoni sigura tad-*data* relatata mal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija billi jieħdu miżuri ta' ċibersigurtà f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 155[54].

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-proċeduri, it-testijiet u l-metodoloġiji sabiex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 5*

**Għażliet tal-manifatturi dwar il-kostruzzjoni u d-deżinjazzjoni tal-vetturi**

1. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw il-vetturi li jimmanifatturaw bħala "vettura Euro 7+" fejn dawk il-vetturi jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:

   (a) għall-ICEV u l-NOVC-HEV billi tiġi ddikjarata l-konformità ma' limiti tal-emissjonijiet mill-anqas 20 % aktar baxxi minn dawk stabbiliti fl-Anness I għall-inkwinanti gassużi u ma' limiti tal-emissjonijiet ta' daqs wieħed aktar baxx għall-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli;

   (b) għall-OVC-HEV billi tiġi ddikjarata l-konformità ma' limiti tal-emissjonijiet mill-anqas 20 % aktar baxxi minn dawk stabbiliti fl-Anness I għall-inkwinanti gassużi, ma' limiti tal-emissjonijiet ta' daqs wieħed aktar baxx għall-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli u ma' durabbiltà tal-batterija li tkun mill-anqas 10 punti perċentwali ogħla mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II;

   (c) għall-PEV billi tiġi ddikjarata d-durabbiltà tal-batterija li tkun mill-anqas 10 punti perċentwali ogħla mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

2. Il-konformità ta' dawn il-vetturi mar-rekwiżiti taħt il-paragrafu 1 għandha tiġi vverifikata mal-valuri ddikjarati.

3. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw il-vetturi bħala "vettura Euro 7A" meta dawk il-vetturi jkunu mgħammra b'funzjonijiet ta' kontroll adattivi. L-użu ta' funzjonijiet ta' kontroll adattivi għandu jintwera lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip matul l-approvazzjoni tat-tip u jiġi vverifikat matul il-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV.

4. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw vetturi bħala "vettura Euro 7G" meta dawk il-vetturi jkunu mgħammra b'magni ta' kombustjoni interna b'teknoloġiji ta' geofencing. Il-manifattur għandu jinstalla sistema ta' twissija għas-sewwieq fuq dawk il-vetturi sabiex jinforma lill-utent meta l-batteriji tat-trazzjoni jkunu kważi vojta u sabiex iwaqqaf il-vettura jekk ma tkunx ġiet iċċarġjata f'distanza ta' 5 km mill-ewwel twissija waqt li tkun fuq modalità b'emissjonijiet żero. L-applikazzjoni ta' tali teknoloġiji tal-geofencing tista' tiġi vverifikata matul il-ħajja tal-vettura.

5. Il-manifatturi jistgħu jibnu vetturi li jikkombinaw tnejn jew aktar mill-karatteristiċi msemmija fil-paragrafi 1, 2 jew 3 u jiddeżinjawhom bl-użu ta' kombinament ta' simboli u ittri bħal vetturi "Euro 7+A", "Euro 7+G", "Euro 7+AG" jew "Euro 7AG".

---

54 Ir-Regolament tan-NU Nru 155 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30).

6. Fuq talba tal-manifattur, għal vetturi $N_2$ b'massa massima ta' bejn 3,5 u 4,0 tunnellati li toriġina minn tip ta' vettura $N_1$, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tagħti approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għat-tip ta' vettura $N_1$. Tali vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala "vettura Euro 7ext".

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-proċeduri, it-testijiet u l-metodoloġiji sabiex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 6. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 6*

**Ir-rekwiżiti tad-durabbiltà għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi li jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I meta misjuqa taħt il-kundizzjonijiet tas-sewqan normali u estiżi kif stabbilit fl-Anness III, għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV, u jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni dwar id-durabbiltà tal-batterija kif stabbilit fl-Anness II.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawn il-vetturi jikkonformaw mal-valuri rigward l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika ddikjarati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fl-Anness IV, it-Tabella 1.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-apparati tal-OBFCM, tal-OBD u tal-OBM u l-miżuri kontra t-tbagħbis installati f'dawn il-vetturi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament sakemm il-vettura tkun qiegħda tintuża.

4. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti 1 sa 3 għandhom japplikaw għall-vetturi għat-tipi kollha ta' fjuwils jew sorsi tal-enerġija li bihom jitħaddmu. L-istess rekwiżiti għandhom japplikaw ukoll għall-unitajiet tekniċi separati u l-komponenti kollha maħsuba għal tali vetturi.

5. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel paragrafu matul il-ħajja addizzjonali ta' vettura, il-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati bl-użu tal-multiplikaturi tad-durabbiltà, stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness IV.

6. Is-sistemi tal-OBM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi jagħmlu dawn kollha li ġejjin:

   (a) jirreġistraw id-daqs u d-durata tal-eċċedenzi kollha tal-emissjonijiet;

   (b) jikkomunikaw id-*data* dwar l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vettura, inklużi s-sensur tal-inkwinanti u d-*data* dwar il-fluss tal-egżost, permezz tal-port OBD u fuq l-arja, inkluż għall-fini ta' testijiet tal-affidabbiltà stradali u spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq[55], [56];

[55] Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134).

(c) jiskattaw it-tiswija tal-vettura meta s-sistema ta' twissija għas-sewwieq tinnotifika emissjonijiet eċċessivi b'mod sinifikanti.

7. L-apparati tal-OBFCM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw id-*data* tal-vettura li jirreġistraw permezz tal-port tal-OBD u fuq l-arja.

8. Għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju jew nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-regolament, il-manifatturi għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih, inklużi tiswijiet jew modifiki ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kif xieraq, sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-regolament. Il-manifatturi jew kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor għandhom jirtirawhom mis-suq jew jagħmlu sejħa sabiex jinġabru lura mis-suq, kif xieraq. Il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tan-nuqqas ta' konformità bid-dettalji xierqa.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mal-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 sa 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 7*

**Obbligi tal-manifatturi dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet**

1. Sabiex tintwera l-konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet matul l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur għandu jwettaq it-testijiet speċifikati fit-Tabelli 1, 3, 5, 7 u 9 tal-Anness V. Għall-fini tal-verifika tal-konformità tal-produzzjoni mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jintgħażlu fil-bini tal-manifattur mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew mill-manifattur. Il-konformità waqt is-servizz għandha tiġi vverifikata għall-perjodi preskritti fit-Tabella 1 tal-Anness IV.

2. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata fir-rigward tal-RDE, il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas-$CO_2$, l-OBD, l-OBM, l-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija, ir-riġenerazzjoni kontinwa jew perjodika, ir-rekwiżiti kontra t-tbagħbis u tal-kaxxa tal-krank kif speċifikati fl-Anness V. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata dwar l-użu ta' kontrolli adattivi u għażliet ta' geofencing meta l-manifattur jagħżel dawn l-għażliet.

3. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jittestjaw it-tip ta' vettura sabiex jivverifikaw il-konformità tagħha matul il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz jew is-sorveljanza tas-suq kif speċifikat fl-Anness V.

4. Il-manifatturi għandhom joħorġu l-passaport ambjentali tal-vettura (EVP) għal kull vettura u jagħtu dak il-passaport lix-xerrej tal-vettura flimkien mal-vettura, filwaqt li jieħdu d-*data* rilevanti minn sorsi bħaċ-ċertifikat ta' konformità u d-dokumentazzjoni

[56] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129)

tal-approvazzjoni tat-tip. Il-manifattur għandu jiżgura li d-*data* tal-EVP tkun disponibbli għall-wiri fis-sistemi elettroniċi tal-vettura u tkun tista' tiġi trażmessa minn abbord għal mhux abbord.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-verifiki u l-proċeduri tal-ittestjar u tal-konformità, relatati mal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz, id-dikjarazzjoni ta' konformità u l-EVP skont il-paragrafi 1 sa 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 8*

**Regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir**

1. Fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, il-manifatturi ta' volum żgħir jistgħu jissostitwixxu t-testijiet stabbiliti fit-Tabelli 1, 3, 5, 7 u 9 tal-Anness V b'dikjarazzjonijiet ta' konformità. Il-konformità tal-vetturi mibnija u mqiegħda fis-suq minn manifatturi ta' volum żgħir tista' tiġi ttestjata għall-konformità waqt is-servizz u għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mat-Tabelli 2, 4, 6, 8 u 10 tal-Anness V. Il-konformità tat-testijiet tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness V ma għandhiex tkun meħtieġa. L-Artikolu 4(4), il-punt (b), ma għandux japplika għall-manifatturi ta' volum żgħir.

2. Il-manifatturi ta' volum żgħir ħafna għandhom jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I f'testijiet tal-laboratorju bbażati fuq ċikli aleatorji ta' sewqan reali għall-finijiet ta' konformità waqt is-servizz u ta' sorveljanza tas-suq.

*Artikolu 9*

**Regoli speċjali għal vetturi mibnija f'diversi stadji**

1. Fl-approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji, il-manifatturi tat-tieni stadju jew ta' stadji sussegwenti għandhom ikunu responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet meta jimmodifikaw kwalunkwe parti tal-vettura li, skont id-*data* pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti, tista' taffettwa l-emissjonijiet jew id-durabbiltà tal-batterija.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti amministrattivi u d-*data* li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' tali vetturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

# Kapitolu III – Obbligi tal-Istati Membri għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u għas-sorveljanza tas-suq

*Artikolu 10*

**L-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq**

1. L-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni għandhom jistabbilixxu miżuri sabiex jagħtu approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet lil tipi ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati u sabiex iwettqu testijiet, kontrolli u spezzjonijiet sabiex jivverifikaw jekk il-manifatturi jikkonformawx mar-rekwiżiti għall-konformità tal-produzzjoni u għall-konformità waqt is-servizz f'konformità mal-Anness V.

2. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/858 u mat-Tabelli 2, 4, 6, 8 u 10 tal-Anness V.

3. B'effett minn … [*OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], fejn manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura jew magna, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vettura ġdida li tikkonforma ma' dan ir-regolament.

4. B'effett mill-1 ta' Lulju 2025, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

5. B'effett mill-1 ta' Lulju 2027, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda u trejlers $O_3$, $O_4$ ġodda, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

6. B'effett mill-1 ta' Lulju 2030, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

7. B'effett mill-1 ta' Lulju 2031, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-

effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-elementi amministrattivi u tekniċi meħtieġa għat-twettiq ta' testijiet, kontrolli u spezzjonijiet għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-paragrafu 1, kif ukoll l-elementi tekniċi meħtieġa għall-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq skont il-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 11*

**Obbligi speċifiċi tal-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. B'effett mill-1 ta' Lulju 2025, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_1$, $N_1$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2027, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni jistgħu jkomplu jagħtu estensjonijiet, għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE tas-sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis mogħtija qabel ma japplika dan ir-regolament skont it-termini li kienu japplikaw fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet inizjali. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-installazzjoni fuq vettura ta' tali sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sakemm ma jkollhomx it-tip approvat.

*Artikolu 12*

**It-tħaddim korrett ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-tniġġis**

1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi indipendenti ma għandhomx ibagħbsu l-vettura u s-sistemi tagħha.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom, matul il-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz jew tas-sorveljanza tas-suq, jivverifikaw jekk il-manifatturi tal-vetturi jkunux installaw b'mod korrett sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi, sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti u jekk il-vetturi jistgħux jiġu mbagħbsa.

# Kapitolu IV

# Ir-rwol tal-Kummissjoni u ta' partijiet terzi għall-konformità waqt is-servizz u għas-sorveljanza tas-suq

*Artikolu 13*

**L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi**

1. Il-Kummissjoni jew partijiet terzi, f'konformità mal-Artikoli 9 u 13(10) tar-Regolament (UE) 2018/858, jistgħu jwettqu kontrolli tal-konformità waqt is-servizz u tas-sorveljanza tas-suq stabbiliti fit-Tabelli 2, 4, 6, 8, u 10 tal-Anness V sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ma' dan ir-Regolament.

2. Il-manifatturi għandhom jagħmlu d-*data* meħtieġa għat-twettiq ta' tali kontrolli disponibbli għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi f'konformità mal-Artikoli 9(5) u 13(10) tar-Regolament (UE) 2018/858.

# Kapitolu V

# Testijiet u dikjarazzjonijiet

*Artikolu 14*

**Proċeduri u testijiet**

1. Il-proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għandhom jinkludu testijiet u kontrolli, kif ukoll l-applikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u tar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni kollha kif speċifikati fl-Anness V. Għar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness V, fejn applikabbli, il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

2. It-testijiet sabiex tiġi pprovata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 għandhom jiġu applikati mill-manifatturi u mill-awtoritajiet nazzjonali kif speċifikat fl-Anness V. It-testijiet sabiex tiġi pprovata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 jistgħu jiġu applikati mill-Kummissjoni u minn partijiet terzi wkoll kif speċifikat fl-Anness V.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq, li jindirizzaw il-proċeduri u t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-metodoloġiji tal-ittestjar, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-emendar u l-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, l-aċċess għad-*data*, ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni u l-mudelli għal dawn kollha li ġejjin:

   (a) it-tipi ta' vetturi $M_1$, $N_1$;

   (b) it-tipi ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$;

   (c) il-magni użati fit-tipi ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$;

(d) is-Sistemi OBM/OBD;

(e) is-sistemi ta' kontra t-tbagħbis, tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà;

(f) it-tipi ta' sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis u l-parts tagħhom;

(g) it-tipi ta' sistemi tal-brejkijiet u l-ispare parts tagħhom;

(h) it-tipi ta' tajers fir-rigward tal-brix tat-tajers;

(i) it-tipi ta' komponenti oħrajn u l-ispare parts tagħhom;

(j) il-konsum tas-$CO_2$, tal-fjuwil u tal-enerġija, id-determinazzjoni tal-awtonomija elettrika u tal-potenza tal-magna għall-vetturi $M_1$, $N_1$, dispożizzjonijiet għall-OBFCM;

(k) il-konsum tas-CO2, tal-fjuwil u tal-enerġija, il-medda ta' emissjonijiet żero, id-determinazzjoni tal-awtonomija elettrika u tal-potenza tal-magna għall-vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$, l-effiċjenza enerġetika tat-trejlers $O_3$, $O_4$, dispożizzjonijiet għall-OBFCM.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità waqt is-servizz, il-konformità tal-produzzjoni u s-sorveljanza tas-suq, sabiex tistabbilixxi dawn li ġejjin:

(a) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji u tal-agħar xenarju tat-test tal-RDE, l-użu ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali, u l-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle;

(b) il-metodi sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, il-medda ta' emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur;

(c) il-metodi, ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet;

(d) il-metodi sabiex tiġi ddeterminata l-effiċjenza enerġetika tat-trejlers $O_3$, $O_4$;

(e) il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank;

(f) il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet evaporattivi;

(g) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk, inklużi l-metodi għall-HDV, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk tas-sewqan reali u l-ibbrejkjar riġenerattiv;

(h) il-metodi sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers sabiex jiġu mmonitorjati r-rati ta' brix tat-tajers;

(i) il-metodi sabiex tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija;

(j) l-apparat tal-OBFCM, is-sistemi OBD u OBM, inklużi l-limiti tal-konformità, ir-rekwiżiti u t-testijiet tal-prestazzjoni, il-metodi sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sensuri u l-komunikazzjoni fuq l-arja tad-*data* rreġistrata minn dawn l-apparati u s-sistemi;

(k) il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodu sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom;

(l) il-metodi sabiex jiġu vvalutati t-tħaddim korrett, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis;

(m) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 4(5), inkluża l-metodoloġija għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u l-protezzjoni mit-tbagħbis;

(n) il-kriterji għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u l-implimentazzjoni ta' regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir u żgħir ħafna stabbiliti fl-Artikolu 8;

(o) il-metodi sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament korrett tat-tipi ta' vetturi approvati skont id-deżinjazzjonijiet fl-Artikolu 5;

(p) il-kontrolli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u l-proċeduri ta' ttestjar għall-vetturi mibnija f'diversi stadji;

(q) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir tat-test;

(r) l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza għall-ittestjar;

(s) il-metodi sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni;

(t) il-metodi għall-kejl tal-brix tat-tajers;

(u) il-format u d-*data* u l-metodi ta' komunikazzjoni fuq l-arja għall-EVP;

(v) ir-rekwiżiti amministrattivi u d-dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet;

(w) l-obbligi ta' rapportar, fejn xieraq.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 15*

**Adattament għall-progress tekniku**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku sabiex temenda dawn li ġejjin:

(a) l-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test għall-vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$, abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati l-vetturi Euro 7;

(b) l-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test, abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati l-brejkijiet jew it-tajers Euro 7;

(c) l-Anness V, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d-dikjarazzjonijiet tat-test, abbażi tal-progress tekniku;

(d) l-Artikolu 5 billi jiġu introdotti għażliet u deżinjazzjonijiet ibbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku billi:

(a) tistabbilixxi l-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk fl-Anness I b'referenza għall-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29);

(b) tistabbilixxi l-limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers fl-Anness I b'referenza għall-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29);

(c) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni tal-batteriji stipulati fl-Anness II b'referenza għall-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29);

(d) tistabbilixxi l-multiplikaturi tad-durabbiltà fl-Anness IV abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7 tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u rapport dwar id-durabbiltà tal-vetturi tqal sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;

(e) tistabbilixxi definizzjonijiet u regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir għall-kategoriji ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

# Kapitolu VI - Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn... *[OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi

dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Rapportar**

1. Sal-1 ta' Settembru 2030, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Sal-1 ta' Settembru 2031, abbażi tal-informazzjoni mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

# Kapitolu VI - Dispożizzjonijiet Finali

*Artikolu 19*

**It-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u tar-Regolament (KE) Nru 595/2009**

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2025.

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2027.

Ir-referenzi għar-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u Nru 595/2009 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2025 għal vetturi u komponenti $M_1$, $N_1$ u għal unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi u mill-1 ta' Lulju 2027 għal vetturi u komponenti $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u għal unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi u għal trejlers $O_3$, $O_4$.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2030 għal vetturi $M_1$, $N_1$ mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir.

Minkejja l-paragrafu 2, l-Artikolu 11(3) għandu japplika mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

**1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

**1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

**1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

**1.4. Objettiv(i)**

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

